NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELTVICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

JANNAR-APRIL 2022

NRU 205



## IRXUXTATA GĦALL-IRXOXT

L-ewwel purċissjoni li ħarġet mill-Bażilika Ġorġjana nhar l-Għid filgħodu wara li ġiet irrestawrata l-faċċata tagħha

ritratt: Daniel Cilia

EDITORJAL

# INPOĠĠU KOLLOX FUQ MIŻIEN

Żgur li intom il-qarrejja kollha b'xi mod jew ieħor għaddejtu minn Pjazza San Ġorġ dan l-aħħar żmien. U min ma għaddiex, sema' żgur! Qed nirreferu għad-diżordni permanenti li bħalissa tinstab fih il-pjazza.

Biex inpoġġu kollox f'perspettiva, ngħidu mill-ewwel li nieħdu gost naraw il-pjazza ħajja mimlija attività kummerċjali, soċjali u kulturali. Nieħdu gost naraw nies jiltaqgħu, familji jiċċenaw, ħbieb jiddevertu, tfal jilagħbu. Sadanittant, nieħdu gost naraw ukoll nies jgħaddu mingħajr ostakli, liberi li ma jaħbtux ma' xi mejda maħruġa (wisq) 'il barra, u mhux b'seba' mitt għajn biex ma jaħbtux ma' xi tabella. Dan l-aħħar, waqt il-purċissjonijiet qsar li għaddew mill-pjazza bil-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni, stajna naraw kif dawn kellhom xi ftit jew wisq jgħaddu jserrpu minn bejn l-imwejjed u s-siġġijiet biex waslu sal-bieb tal-Bażilika. Mhux l-ewwel darba li rajna familji bil-pushchairs jew nies fuq siġġu tar-roti b'diffikultà biex jgħaddu minħabba diversi ostakli li jinstabu fil-pjazza.

Naħsbu li qed inkunu l-vuċi ta' tant nies ta' rieda tajba meta nitolbu li jinstab bilanċ bejn l-attività kummerċjali u l-libertà ta' moviment ta' kull persuna li tuża l-pjazza. Naqblu u ninsistu li jitħalla passaġġ komdu għan-nies u għall-vetturi ta' emerġenza l-ħin kollu mingħajr ebda problemi jew sforz.

Din is-sejħa kemm lill-awtoritajiet konċernati u kemm lis-sidien tal-istabbilimenti nfushom qed issir ukoll fl-isfond tar-restawr riċenti li sar fuq il-faċċata tal-Bażilika tagħna u l-illuminazzjoni li daqt ser tiġi installata. Mhix sitwazzjoni feliċi li tara mwejjed u siġġijiet imkaħħlin bl-eżatt mal-faċċata li għadha kemm ġiet irrestawrata.

Pjazza San Ġorġ għandha karatteristika rari fil-gżira Għawdxija: hi magħluqa għat-traffiku u għalhekk toffri ambjent żgur u post fejn tista' tgawdi għall-kwiet f'wieħed mid-diversi stabbilimenti kummerċjali mifruxa fiha. Imma wieħed ma għandu qatt jinsa li hi qabelxejn pjazza ta' knisja! Bi sforz kollettiv bejn l-entitatijiet kollha involuti, nittamaw li jinstab bilanċ ġust għal kulħadd.

DONAZZJONIJIET: Anton Attard, il-Belt Victoria – €10; Frank Schembri, l-Awstralja – €30



**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq:**

- **www.stgeorge.org.mt**
- **www.facebook.com/stgeorge.org.mt**

INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI: Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

FOTOGRAFIJA: Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Joseph J.P. Zammit

KUNTATT: Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM



# KOMUNITÀ ĦAJJA LI TAGĦTI L-ĦAJJA

L-Arċipriet Joseph Curmi

Il-bniedem iħobb ifittex postijiet fejn hemm il-ħajja. Il-ħajja tqanqal kurżità. Biżżejjed tinnota li jekk xi ħadd jara grupp ta' nies fit-triq miġbura qaqoċċa, jitħajjar imur jara hu wkoll lejn xiex qed iħarsu. Dan jgħodd ukoll għall-komunità parrokkjali. Komunità parrokkjali ħajja tattira persuni oħra biex isiru parti minnha. Dak li toffri l-parroċċa mhux sempliċi grupp jew għaqda bi skop nobbli, iżda toffri relazzjoni ma' Kristu li minnu tiġi kull ħajja.

**L-eżami tal-kuxjenza**

Ftit ġimgħat ilu, fuq talba tal-Isqof Anton Teuma, fil-parroċċa għamilna eżerċizzju sabiħ u ta' sfida li nlaqqgħu l-gruppi kollha b'mod individwali u nagħmlu serje ta' mistoqsijiet ta' eżami tal-kuxjenza. Verament kien mument li l-parti l-kbira għexuh bħala grazzja u b'ħafna sinċerità qasmu dak li jħossu li sejjer tajjeb u dak li fih il-mira mhix tintlaqat. Dan kollu wassal biex imbagħad saret assemblea parrokkjali li fiha kull grupp sema' dak li għandhom xi jgħidu gruppi oħra. Ir-reazzjoni predominanti waqt din l-assemblea kienet li ħafna stagħġbu meta bdew jaraw kemm realtajiet sbieħ u ħajjin jeżistu fi ħdan il-parroċċa u li mhux dejjem kienu konxji tagħhom. Iva, il-ħajja tattira l-ħajja. Membri ħajjin fi ħdan il-parroċċa jattiraw membri oħra.

**L-iskop tal-parroċċa**

Il-ħidma kollha li ssir fil-parroċċa għandha għan wieħed li jekk infalluh inkunu fallejna kollox. Qed ngħixu f'dinja li f'dan ir-rigward tgħallimna ħafna. Kumpaniji u aġenzi l-ħin kollu jgħarblu l-operat tagħhom biex jaraw jekk hux qed jilħqu l-miri tal-profitt. Jgħarblu jekk ir-riżorsi hux qed jużawhom bl-iktar mod effiċjenti biex iħallu l-ikbar impatt u produttività.

Fil-parabbola li jirrakkonta Ġesù dwar l-amministratur diżonest, is-sid jasal ifaħħar il-mod li bih mexa dan l-amministratur. L-amministratur fehem sew li kien jaqbillu jaħfer id-dejn tal-oħrajn bil-ġid tas-sid biex ma jispiċċax fit-triq. Kristu f'dan il-kuntest jgħid: "Għax ulied din id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl ma' min hu tal-qatgħa tagħhom" (Lq 16:8).

Aħna wkoll amministraturi tal-ġid tal-Missier. U l-loġika li biha rridu nimxu tixbah lil dik tal-amministratur tal-Vanġelu. L-Ittra lill-Efesin tgħidilna li l-ġid tal-Missier hu l-ħniena: "Alla, għani fil-ħniena tiegħu" (2:4). Aħna amministraturi tal-ħniena ta' Alla. U allura li taqdi lil Alla jfisser li tuża l-mezzi kollha possibbli biex il-ħniena ta' Alla tasal għand iktar bnedmin. F'dan is-sens, il-parroċċa ma tistax taqdi lil Alla u l-ġid. Kulma jsir fil-parroċċa jrid jaqdi b'mod immedjat u dirett dan l-iskop, inkella l-mezz (il-ġid) jibda jsir alla.

**Żmien sabiħ**

Inħoss li qed ngħixu fi żmien inkuraġġanti ħafna. Forsi ħafna jilmentaw kemm inbidlet id-dinja u kemm affarijiet marru għall-agħar. Iżda l-ħajja tal-parroċċa turi mod ieħor. Dan mhux kwistjoni ta' sempliċi numri iżda ta' persuni li serjament qed ifittxu lil Alla. Hu veru li n-nies illum qed tħossha libera li ma tiġix knisja, iżda ħafna kisbu wkoll il-libertà li jiġu minn qalbhom u mhux frott obbligi vojta.

Tara persuni li jixxennqu li jiċċelebraw l-Ewkaristija tal-Ħadd bis-sens. Għarajjes li jfittxu s-serjetà. Żgħażagħ li jibdew jaħsbu b'moħħhom, imorru għal laqgħat u inizjattivi u jaslu jiskopru l-fidi. Koppji li jiltaqgħu biex jaraw kif Alla jgħallimhom jikbru fl-imħabba lejn dawk li fdalhom. Familji li jixtiequ jgħaddu l-fidi lil uliedhom. Nies li żbaljaw u qed jerġgħu lura bis-serjetà. Anzjani li għalkemm telgħu f'tip ta' edukazzjoni Nisranija u reliġjożità oħra, iridu jiskopru sbuħija ta' tagħlim li fi żmienhom ma kienx aċċessibbli.

**Ħarsa fissa**

Kull meta ħarsti tintefa' fuq l-istatwa meravilja ta' San Ġorġ, l-iktar ħaġa li dejjem tolqotni hi dik il-ħarsa fissa lejn l-uniku skop: Kristu. U l-ikbar ispirazzjoni ta' qlubija li nħoss f'dan il-Patrun hi li dik il-ħarsa xejn mhu 'worth it' li jaqlagħha minn postha. Il-parroċċa tagħna, aħna, dan hu l-uniku punt fiss li għandu jkollna. Imma dan il-punt fiss irid jidher ċar f'kull inizjattiva.

Il-Knisja ma tistax tinħela f'inizjattivi u proġetti ta' kull tip li ma jindirizzawx direttament lill-bniedem lejn il-ħniena ta' Alla. F'din il-ħarsa fissa m'hemmx tiġbid ta' motivazzjonijiet indiretti li nafu nużaw biex naħbu l-motivazzjonijiet egoisti tagħna. Jekk dak li jsir mhux frott il-ħarsa fissa lejn Kristu, allura nibqgħu ċerti li dak mhux xogħolna iżda xogħol siewi li jista' jagħmlu ħaddieħor.

Hu għalhekk li qabel isir kull proġett, sew pastorali u sew strutturali u dekorattiv, nieqfu naħsbu jekk il-ħarsa hix fissa fid-direzzjoni t-tajba. F'dan ir-rigward il-Proġett *Fejn hu ħuk?* li dħalna għalih b'ruħna u ġisimna għandu l-għan li jagħti l-prijorità lill-ħarsa ħanina ta' Alla.

Kemm huma qawwija l-kelmiet ta' San Pawl lill-Korintin: "Kollox hu sewwa, iżda mhux kollox jaqbel; kollox jiswa, iżda mhux kollox jedifika. Ħadd ma għandu jqis qiesu biss, iżda qies ħaddieħor" (1 Kor 10:23-24).

Hekk il-komunità parrokkjali tkun ħajja u tiġbed oħrajn għall-ħajja li hu Kristu.

KRONAKA



Jannar – April 2022

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI

1. L-abbatini bdew is-sena l-ġdida b'mixja fil-kampanja Għawdxija akkumpanjati mis-seminarista Wallace Camilleri u d-Djaknu Gabriel Vella, fl-4 ta' Jannar.

2. F'tappa oħra tal-Proġett Parrokkjali *Fejn hu Ħuk?*, din id-darba dwar il-Marid, ġew mistiedna Bjorn Formosa u martu Maria li qasmu l-esperjenza tagħhom waqt quddiesa li mexxa l-Arċipriet fit-12 ta' Frar.

3. Wara li diversi gruppi tal-Parroċċa għamlu l-Eżami tal-Kuxjenza bħala parti mill-Pjan Pastorali Djoċesan, fl-24 ta' Frar tlaqqgħet fil-Bażilika Assemblea Parrokkjali, fejn rappreżentanti ta' dawn il-gruppi taw rendikonti qosra tal-punti li ħarġu, fil-preżenza tal-Isqof li għalaq b'messaġġ.

4. Fi żmien ir-Randan saru diversi attivitajiet ta' formazzjoni għall-gruppi, bħalma kienu l-Eżerċizzi għat-tfal bis-sehem tal-karattru bibliku Lonġinu u l-Live-ins għall-adolexxenti u dawk għall-abbatini f'Dar Marija Assunta, l-Għarb.

5. Il-kandidati tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof żaru s-Santwarju Ta' Pinu, ftit jiem biss wara li ġie l-Papa Franġisku, fejn ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar spjegalhom xi ġesti li għamel il-Papa u mbagħad talbu quddiem ix-xbieha tal-Madonna fil-Kappella tagħha.

6. Wara li fis-sentejn li għaddew ir-restrizzjonijiet tal-pandemija ma ħallewniex niċċelebraw il-Ġimgħa Mqaddsa bħala komunità flimkien, din is-sena reġgħu nżammu l-funzjonijiet minn Ħadd il-Palm sa Ħadd il-Għid bis-sehem tal-poplu ta' Alla li ħonoq il-Bażilika għal kull ċelebrazzjoni, imqar jekk minħabba l-maltemp il-Purċissjoni tal-Passjoni kellha titħassar.

7. L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa nżammet l-aħħar parti tal-Proġett *Fejn hu Ħuk?* dwar l-Opra tal-Ħniena "Isqi lil min hu bil-għatx", fejn ġew mistiedna jaqsmu l-esperjenza tagħhom ċittadini Ukreni u persuni li qed jieħdu inizjattivi ta' għajnuna lill-familji li sfaw vittmi tal-isfreġju tal-gwerra.

8. Lejlet is-Solennità liturġika ta' San Ġorġ, din is-sena ttrasferita għat-Tnejn 25 ta' April, inżammet wara nuqqas ta' diversi snin il-Velja tal-Martirju fi Pjazza San Ġorġ, li tmexxiet mill-Arċipriet u kellha t-tema: "Martri mogħni b'kull ħlewwa". *Ritratt: Joe Attard*



1



2



3


4


4


5


6


6


6


7


8

ATTWALITÀ



# MY JOURNEY BACK HOME TO CHRIST

Maria Lipnicka



I was born in former Soviet Union in 1988 and baptized Roman-Catholic the same year at the Parish Church of Saint Mary in Vishnyeva, Belarus. As practicing religion was illegal in USSR, my baptism was a risky undertaking for my family and had to be done in secret. As the Soviet Union collapsed in 1991, the Church in Belarus could come out from the underground and my grandmother Stefania could finally return to her ministry as an organist at her local church. In May 1999 I received my first Communion at the Cathedral of the Holy Name of Saint Virgin Mary in the capital of Belarus, Minsk.

The same year my parents, my sister and I migrated to Poland, where I have started singing with the Church Choir in Rembertow, Warsaw. Few years later I went through a full course of preparation for the Sacrament of Confirmation, but shortly before the ceremony, I sank into spiritual doubts and had to admit I was not ready to receive God's grace at that point in time. My faith crisis persisted for a decade after.

While studying Semitic studies first at the Warsaw University, later in Heidelberg (Germany), a realisation started to slowly unfold within me, that despite I learned so much about other religions, spiritual traditions and cultures, only Christ can ultimately answer my deepest longing for true love, genuine liberation and unsurpassed salvation. Even if on the surface I was fully committed to the ways of the world, deep within me it was Jesus that my heart has been perpetually yearning for. As my mother's family belongs to the Eastern Orthodox Church, I started my reconciliation by first reflecting on the theological differences between denominations, studying the history of the Church, heresies, the schisms, and finally arrived in the arms of the saints (primarily St Augustine, St Thomas Aquinas, Edith Stein and my most beloved St Maximilian Kolbe), who finally helped me clear all the clutter in my prior experience of Christian faith and regain confidence of renewed conversion.

Throughout this process I have found St George Parish Church in Victoria as a spiritual refuge and home, with the heart-melting support of David Camilleri and his family, as well as the Archpriest Fr Joseph Curmi, who organised a catechism study with Lucy Borg and Josette Cremona. Active participation in the life of the parish was also made possible to me through Rev. George Frendo, who let me join the Laudate Pueri Choir, and Rev. Joseph Mercieca, who introduced me to the mysterious beauty of Gregorian chant.

My homecoming was finalised in the most majestic atmosphere of St George's feast on the 18 July 2021, during which I was honoured to be anointed by H.L. Bishop Anton Teuma. Truly, through the intercession of St George, Jesus Christ continues to win against the dragon of our sins, fears, doubts, and even, as in my case, against the dragon of Communism. I am eternally grateful for the love and charity I have received from the community and want to give back to the dioceses through my service and prayers, one of them written during the preparation for my Confirmation last year:

*Oh Christ, your love and passion are truly in the air,*
*your presence ever dwelling in each one everywhere.*

*You spread your arms for us to see you on the cross,*
*on it your heart has opened to each of us at loss.*

*Let me adore you fully with every breath I take,*
*inhabit all my darkness for your Salvation's sake.*



*Ritratt: Sam Cefai*

# IL-PAPA – ĠIE U MAR: X'BAQA'?





Il-Kan. Richard N. Farrugia



Jieqaf isellem lil Mons. Pawlu Cardona, eks Arċipriet tal-Parroċċa, fil-korsija tas-Santwarju Ta' Pinu.

Ngħixu f'dinja mgħaġġla u dan iwassalna biex ngħaddu minn ħafna esperjenzi, u anki mumenti ta' sinifikat storiku, imma li ma jkollniex iċ-ċans li nieqfu biex nomogħduhom u naħsbu fuq il-mod kif ikunu laqtuna.

Iż-żjara tal-Papa Franġisku fit-2 u t-3 ta' April 2022 kienet eżempju ċar ta' dan: sa ftit jiem qabel ma rifes fuq il-gżejjer tagħna, it-*talk of the town* kienet il-kampanja elettorali. Sa ġimgħa qabel konna qed nivvutaw, u fil-jiem ta' wara saru ċ-ċelebrazzjonijiet mill-partit rebbieħ. Mhux soltu li ġrajja bħal din ma tokkupax l-attenzjoni tal-poplu tagħna; imma wara kollox din iż-żjara wrietna li Malta nbidlet u m'għadhiex dik tal-1990 meta laqgħet għall-ewwel darba lis-Suċċessur ta' Pietru. Dan fih innifsu hu diġà wieħed mill-*effetti* tal-miġja tal-Papa Franġisku: il-Knisja f'pajjiżna m'għadhiex dik li kienet, l-influwenza tagħha fis-soċjetà mhijiex dik li kellha darba, it-twemmin Nisrani mhuwiex il-prijorità tal-maġġoranza. Allura ż-żjara ta' Papa mhix ser twaqqaf jew tinfluwenza l-aġenda ta' nazzjon jew il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

Iżda dan mhuwiex il-kwadru kollu. Għaliex minkejja li ma kienx hawn spirtu ta' ħeġġa partikulari, meta l-Papa wasal l-Ajruport internazzjonali ta' Malta – biex ngħid hekk qisu bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa! – il-pajjiż ma baqax miexi fir-ritmu tas-soltu tiegħu. Mhux biss għax ingħalqu bosta toroq għal sigħat twal – għall-inkonvenjenza u t-tgergir ta' x'uħud – imma wkoll għaliex ħafna ħassew il-bżonn li joħorġu u jaraw lil dan il-bniedem, ta' fama dinjija, persuna anzjana imma b'għajnejn li jinfdu u b'kelma sinċiera u kredibbli f'dinja ta' ħafna kliem u ftit fatti. Xi ħaġa ħeġġet u ġibdet in-nies u dawk it-toroq li fil-ġimgħat ta' qabel kienu kkaratterizzati mill-pika tal-partiġjaniżmu politiku, issa laqgħu poplu wieħed Malti u Għawdxi li xtaq joħroġ, isellem u jifraħ. Dan hu wkoll *effett* ta' dan il-vjaġġ appostoliku: minkejja l-ħafna għagħa u aljenazzjoni li l-bniedem tal-lum jista' jkollu, dan ma jfissirx li ma jistax jintmess f'qalbu. Għax il-bniedem, hu min hu u hi min hi, jibqa' bniedem, u qalbu maħluqa għal ferħ partikulari li hu frott tas-sewwa, tas-sliem, tal-imħabba li tħaddan, tagħder u taħfer. Bosta jaraw fil-Papa Franġisku din il-ħarsa ta' ħniena, ta' mħabba awtentika, ta' interess ġenwin, ta' familjarità, ta' viċinanza, li tnissel paċi u ferħ f'dak li jkun.

X'ħarġu jaraw in-nies, aktar ma bdew jgħaddu s-sigħat tal-Papa fostna u aktar bdew jimlew it-toroq tagħna? Bniedem ta' Alla, bniedem differenti, bniedem li jġorr miegħu spirtu ta' hena tal-qalb. Smajt diversi esperjenzi ta' persuni li stqarrew miegħi li huwa u għaddej il-Papa ħassew ċertu ferħ li ma jistgħux jispjegawh. U dan il-ferħ ma kienx frott xi preparazzjoni twila spiritwali għaż-żjara tal-Papa, imma kien il-ferħ ta' sid ta' ħanut il-Belt li qalli li meta l-Papa kien fi triqtu lejn il-Palazz tal-Granmastru, xiref ftit fil-bieb tal-ħanut u rah għaddej: "Imma, Father, dak il-ħin ħassejt fija ċertu ferħ u paċi li ma nafx nispjegah". Hekk ukoll dawk li mlew it-toroq ewlenin ta' Għawdex minn fejn għadda l-Papa: "Father, ma nafx x'inhi, imma xħin kien għaddej kelli fija paċi kbira…". Iva, il-Mulej jaħdem b'ħafna modi u allura anki meta l-ġrajjiet ma jimxux skont l-iskemi tagħna – bħalma f'dan il-każ xtaqna li kieku jkun hemm aktar ġabra fost l-Insara tagħna fil-ġimgħat ta' qabel iż-Żjara Papali biex iħejju ruħhom għal din il-ġrajja tant kbira – ma jfissirx li kollox mitluf jew li l-Mulej ma jsibx it-toroq tiegħu ta' kif jasal għand il-bniedem.

Għal min kellu x-xorti jkun fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu, din iż-żjara ħalliet l-*effett* ta' esperjenza ta' Knisja fejn wara sentejn ta' pandemija li firditna u fixklitna ftit mhux ħażin, stajna nduqu s-sbuħija li ninġabru nitolbu u nifirħu flimkien. Għad-dell tal-Verġni Marija, fil-preżenza tal-Papa kien hemm tassew imħaddna l-Knisja mxerrda mad-dinja

kollha, u ħassejna lkoll il-wens li qegħdin fl-għors tad-dar, għax l-Omm tinsab fostna u r-Ragħaj qiegħed magħna. U ftakarna kemm hu sabiħ li nitolbu flimkien, li nesprimu l-fidi tagħna, u li ningħaqdu lkoll sabiex infaħħru lill-Mulej. Aħna u naraw lill-Papa miġbur fis-skiet quddiem il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu, tgħallimna xi jfisser inżuru dan is-Santwarju bħala wlied li nintelqu f'idejn din l-Omm tagħna. Doqna kemm aħna mbierka li l-Mulej fil-providenza tiegħu għoġbu li Ommu Marija ssejħilna bid-djalett tagħna proprju minn dik ix-xbieha tagħha. Għarafna xi jfisser inħallu l-Ispirtu ta' Alla jidħol fina u jibnina bħala komunità ta' fidi. Rajna l-kariżmi li jżejnu l-Knisja Għawdxija f'dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' din iċ-ċelebrazzjoni.

Il-Knisja f'pajjiżna mhijiex l-istess wara l-miġja tal-Papa Franġisku għax ma tistax tibqa' l-istess! L-*effetti* ta' din il-miġja qegħdin ukoll fil-"ħasliet Papali" li rċivejna: ħasliet ta' missier li jħobb lil uliedu u jixtiqilhom l-aqwa ġid, lil Ġesù. Mhumiex ħasliet fis-sens ta' twiddiba li tumilja, imma ħasliet għaliex *jiffriskawna* kemm bħala soċjetà u kemm bħala Knisja u *jaħsluna* bin-nida tal-Ispirtu s-Santu. Ikun tajjeb li dawn il-*ħasliet* inħalluhom ixarrbu dejjem aktar il-pori ta' qalbna.

Fil-Palazz tal-President fil-Belt Valletta l-Papa tkellem dwar pajjiżna bħala l-*warda tal-irjieħ* u elenka bosta sfidi li għandna quddiemna. Mess il-pjaga tal-korruzzjoni, tal-illegalità, tar-regħba bla xebgħa, tal-kilba għall-flus, tal-ispekulazzjoni tal-bini. Kemm fil-Palazz u kemm f'Ħal Far fost l-immigranti tkellem fuq il-ħtieġa li nilqgħu, li nkunu port sigur, u li ma nibżgħux minn dawk iċ-ċaħdiet magħmulin għall-ġid tal-ħajja tal-bniedem li hu teżor ta' Alla. Stedinna nkunu laboratorju tal-paċi, aħna u nħarsu l-memorja ta' ġensna u ma ninqatgħux mill-għeruq tagħna biex ma ninħakmux minn idea ta' prosperità falza ddettata mill-qligħ, mill-konsumiżmu, mid-dritt li kulħadd għandu jedd għal kollox. Qalilna sabiex ngħożżu l-valur tal-ħajja kontra l-mentalità tal-iskart u tat-traskuraġni.

"Ħasla" oħra kienet dik li tana bħala komunità Nisranija f'pajjiżna. L-omelija li l-Papa għamel f'Ta' Pinu hi riflessjoni mill-isbaħ fuq x'inhi l-missjoni tal-Knisja f'pajjiżna llum. Qajjimna minn dak l-atteġġjament ta' superfiċjalità, li nikkuntentaw ruħna bil-qoxra ta' prattika reliġjuża li mhijiex għajr ripetizzjoni tal-passat. Qalilna ma nrattbux l-isfidi li għandna quddiemna frott il-kriżi tal-fidi, l-apatija u l-indifferenza li hawn fostna, speċjalment fil-ġenerazzjoni żagħżugħa. Saħaq magħna sabiex aktar milli ninkwetaw fuq il-prestiġju soċjali tagħna, ninkwetaw fuq kif ser ngħixu l-essenzjal tal-fidi tagħna, jiġifieri, il-ħbiberija ma' Kristu u x-xandir tal-Evanġelju. Tana wkoll il-missjoni biex niżviluppaw l-arti tal-akkoljenza, kemm bejnietna bħala djoċesijiet u kemm mal-oħrajn, speċjalment mal-aħwa msallba mit-tbatija, mill-miżerja, mill-faqar u mill-vjolenza. Tennielna b'qawwa, qisu ried li tibqa' tirbombja ġewwa fina, li *l-ferħ tal-Knisja hu li tevanġelizza*.

Il-mod ta' kif din il-ħasla ġiet milqugħa huwa wkoll parti mill-*effetti*. Kien hemm min kemm fix-xandir u kemm fl-għażla tal-kliem li jirrapporta qagħad lura milli jwassal il-messaġġ sħiħ tal-Papa u pjuttost iffiltrah bħallikieku d-diskorsi tal-Papa kienu xi *lip service* biex inħossuna tajjeb. Din is-selezzjoni tista' wkoll tiġri lilna billi nibqgħu għaddejjin bil-ħajja tagħna bħala Nsara u bħala Knisja, bla ma nieħdu bis-serjetà dak li l-Ispirtu s-Santu qed jgħidilna permezz tal-Papa. Il-mod kif nilqgħu – jew ma nilqgħux – dawn il-ħasliet, se jkollu żgur *effett* fuqna: bħala soċjetà nistgħu nitħammġu aktar jew nissaħħu f'ħidma biex nissaffew u ninbnew fuq valuri tassew umani li jsejsu politika ta' veru progress uman u soċjali; filwaqt li bħala Knisja nistgħu jew inkomplu nimmuffaw f'libsa ta' fidi li qed teqdiem, billi ninvestu f'faċċata li hi nieqsa minn fidi interjuri aħna u ninkwetaw ruħna fuq il-prestiġju soċjali hekk li nispiċċaw tassew insiru irrilevanti għax nieqsa mill-profezija, jew inkella nagħmlu l-wisa' lill-Ispirtu s-Santu biex niġġeddu fil-laqgħa personali ma' Kristu, fis-smigħ attent tal-Kelma ta' Alla, fis-sehem attiv fil-ħajja tal-Knisja, u fil-pjetà popolari li tesprimi fidi ħajja. Kif qalilna l-Papa Franġisku fl-omelija li għamel fuq il-Fosos tal-Furjana, Ġesù jistedinna biex bħala Knisja nerġgħu nibdew mill-ġdid fl-iskola tal-Vanġelu, fl-iskola ta' Alla tat-tama li dejjem jissorprendina.

Il-Papa ġie u mar – x'baqa'? Baqa' dak li ser nagħrfu nħarsu f'qalbna u nibqgħu naħsbu fuqu. Baqa' l-ferħ ta' Ġesù u tal-Vanġelu tiegħu. Baqa' s-sbuħija tal-Knisja bħala komunità li temmen. Baqa' l-parti tagħna fuq kif ser inwieġbu għal dak li qalilna u wettaq fostna l-Papa: jekk ninjorawh, allura tibqa' magħna l-korruzzjoni tal-ħajja soċjali u ekkleżjali; jekk nilqgħuh, tibqa' magħna dik il-konsolazzjoni li tqawwina biex inkomplu nimxu wara Ġesù, f'għaqda ma' Pietru, permezz ta' Ommna Marija, b'dik il-ħeġġa tal-Appostlu Missierna Pawlu u b'dik il-ħlewwa liema bħalha ta' missirijietna. Jibqa' fina l-ferħ ta' Knisja li tevanġelizza!


L-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma jindirizza lill-Papa waqt il-Laqgħa fuq iz-Zuntier.

# IL-PARROĊĊA ĠORĠJANA U Ż-ŻJARA TAL-PAPA FRANĠISKU



ATTWALITÀ

Il-Kan. Richard N. Farrugia

Ir-riflessjoni ta' Dun Richard torjentana lejn xi frott nixtiequ naħsdu miż-żjara storika tal-Papa Franġisku fostna.

Ħarsa lura lejn dak il-jum sabiħ tat-2 ta' April 2022, tfakkarna wkoll fis-sehem dirett jew inqas dirett ta' membri tal-Parroċċa Ġorġjana f'din il-ġrajja. Naturalment diversi membri u saċerdoti tal-komunità parrokkjali Ġorġjana kienu preżenti qalb il-kongregazzjoni sabiħa ta' Għawdxin u Maltin fil-misraħ ta' quddiem is-Santwarju, imma dawn li ġejjin huma ftit dettalji għall-istorja.

**Richard Grech** ġie mitlub mill-Grupp Organizzattiv imsejjaħ mill-Isqof fi ħdan il-Kurja ta' Għawdex biex ikun il-Maniġer tal-Produzzjoni tal-avvenimenti kollha marbuta maż-Żjara tal-Papa Franġisku f'Ta' Pinu.





Il-Kumpanija **FXB Ltd**, taħt id-Direttur Maniġerjali tagħha Joseph Borg, ħadet ħsieb id-disinn (maħdum mis-Sur John Xerri) u l-bini tat-Tribuna tal-Papa quddiem is-Santwarju Ta' Pinu.



**Dorienne Portelli** mexxiet il-Kor Djoċesan taż-Żgħażagħ li anima kemm il-Laqgħa mal-Papa u kemm is-siegħa u nofs ta' qabel bi preparazzjoni fuq iz-Zuntier Ta' Pinu. Il-kor kien jinkludi wkoll koristi mill-Parroċċa tagħna.

**Francesco Pio Attard**, kien responsabbli għal-loġistika tal-komunikazzjoni taż-Żjara tal-Papa f'Għawdex, kif ukoll ġie magħżul mill-Isqof biex ikun wieħed mill-persuni Għawdxin li taw it-testimonjanza tagħhom quddiem il-Papa waqt il-Laqgħa ta' Talb f'Ta' Pinu.



Id-Djaknu **Gabriel Vella** xandar is-silta mill-Vanġelu ta' San Ġwann (19:25-27) waqt il-Laqgħa ta' Talb.



Membri tal-**Grupp 23four** tal-Parroċċa tagħna, taħt id-direzzjoni tad-Djaknu Gabriel Vella u ta' Francesco Pio Attard, ħejjew serje ta' ħames filmati qosra bi preparazzjoni għaż-Żjara tal-Papa, li ġew apprezzati ħafna u xxandru fuq diversi mezzi soċjali u ntużaw anki fuq it-televiżjoni. Dawn kienu parti mill-mixja ta' tħejjija għaż-Żjara proposta waqt il-Quddiesa tal-Ħadd fl-10.00am għall-familji u t-tfal.

Ir-residenti ta' **Casa Amalia** fi Pjazzetta Akkursju Xerri ħejjew l-imkatar bojod u sofor li n-nies xejret huwa u dieħel il-Papa fuq iz-Zuntier Ta' Pinu.




Fit-triq mill-Imġarr għall-Belt Victoria, fil-karozza l-Isqof Anton Teuma fisser lill-Papa li fir-Rabat hawn żewġ parroċċi u żewġ soċjetajiet mużikali. Huwa u għaddej bil-Popemobile minn Triq ir-Repubblika maħnuqa bin-nies fuq kull naħa, il-Papa sab tilqgħu quddiem it-Teatru Astra lill-**Banda La Stella** li daqqitlu l-Innu Marċ *Lill-Kbir Martri San Ġorġ*, kif ukoll lil membri tal-Grupp 23four tal-Bażilika ta' San Ġorġ b'banner ta' merħba miktub bl-Ispanjol; xi adolexxenti oħra għenu bħala ushers fuq iz-Zuntier u l-Bażilika Ta' Pinu.

*Ritratti: Djoċesi ta' Għawdex / Anthony Grech / Reno Rapa*



Lura fit-tarf ta' isfel ta' Triq ir-Repubblika wara ċ-ċelebrazzjoni f'Ta' Pinu, xħin niżel mill-Popemobile biex jirkeb lura fil-karozza li wasslitu sal-Imġarr, il-Papa Franġisku feraħ bil-laqgħa li tawh bosta tfal Għawdxin li baqgħu hemm jistennewh, u waqaf fit-tul ikellimhom u jqassmilhom kuruni tar-rużarju. Lill-Isqof Teuma wara qallu emozzjonat: "Din it-tfal ma jinsewha qatt!... U lanqas jien mhu ħa ninsieha!". Fost dawn it-tfal, flimkien mal-ġenituri tagħha qrib Pjazzetta J.F. Kennedy, kien hemm **Emma Cassar**, ta' 8 snin, mill-Parroċċa tagħna. Hi rrakkuntat bil-ferħ l-esperjenza tagħha: "Dakinhar li l-Papa Franġisku ġie jżurna f'Għawdex morna flimkien mal-kuġini biex narawh jasal ir-Rabat. Malli wasal, rajnieh jibdel il-karozza u jgħaddi jxejjer lin-nies li kienu qed jistennewh mat-triq kollha. Minn hemm il-Papa baqa' sejjer Ta' Pinu. Aħna bqajna nistennew sa ma reġa' ġie lura r-Rabat. Hemm niżel u bdew ħerġin it-tfal għal ħdejh. Jien u l-kuġina Elena ħriġna niġru. Fl-aħħar irnexxielna naslu ħdejn il-Papa. Hu kien qed jitbissem u tana kuruna tar-rużarju kull waħda. Ma ninsa qatt il-ferħ li ħassejt dak il-ħin. Ma stajtx nemmen li l-Papa li smajt tant fuqu kien fejni. Il-Papa feraħ bina t-tfal u beda jgħid *'Buona sera'*, li wara sirt naf li tfisser 'Il-lejla t-tajba'. Wara li dar mat-tfal kollha, hu reġa' mar lura lejn ix-Xatt biex imur Malta. Issa nixtieq nitgħallem ftit it-Taljan ħalli jekk xi darba nerġa' niltaqa' mal-Papa, anki jien inkun nista' nkellmu u ngħidlu: *'Grazie, Papa'*!".









# SAĊERDOTI ĠORĠJANI LI QED JAQDU L-KNISJA UNIVERSALI (3)



ATTWALITÀ

In-Nunzju Appostoliku l-Arċisqof Alfred Xuereb (2)

**L-aktar fost is-saċerdoti tagħna li ilu msiefer b'mod permanenti huwa Mons. Alfred Xuereb, li llum qed jaqdi lill-Knisja universali fil-ministeru ta' Arċisqof u Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja. Dan wara għadd ta' snin ta' ħidma fis-servizz tal-Papiet fil-Vatikan, fejn kien ukoll Segretarju ta' Benedittu XVI u Franġisku. L-esperjenza saċerdotali tiegħu barra minn xtutna hi waħda twila u għanja, u allura se jkun qed jirrakkontaha f'żewġ ħarġiet. Din hi t-tieni parti tar-rakkont tiegħu.**

*...jaqbad mill-aħħar ħarġa*

Minkejja li l-Papa Benedittu XVI kien temm il-ministeru tiegħu, xorta konna mħabbtin għax bdew jaslu eluf ta' ittri mid-dinja kollha. Kienu bosta dawk li mal-kitba tagħhom hemżu xi pittura, xi kompożizzjoni mużikali, xi poeżija, xi xogħol tal-idejn, u l-bqija, biex jesprimu l-affett tagħhom lejn il-Papa Benedittu. Dakinhar tad-daħna bajda li ħabbret l-elezzjoni tal-Papa l-ġdid konna qed insegwu fuq it-televiżjoni u qgħadna nistennew li narawh ħiereġ fil-Loġġa Ċentrali tal-Bażilika ta' San Pietru.



Tislima tal-aħħar bejn iż-żewġ Papiet qabel Benedittu XVI ħalla l-Palazz Appostoliku għal Castel Gandolfo.

Il-Papa Franġisku dam ftit ma tfaċċa, għax qabel joħroġ ried iċempel lill-Papa Benedittu biex isellimlu, iżda t-telefon fil-kamra tat-televiżjoni kien dejjem ikun miżmum bil-qanpiena mitfija u allura ma ttendejniex. Waqt iċ-ċena reġgħu ċemplulna u għarrfuna li l-Papa l-ġdid kellu jerġa' jċempel aktar tard. Kelli x-xorti nassisti għall-ewwel konverżazzjoni qasira ta' bejn iż-żewġ papiet u bqajt edifikat nisma' lill-Papa Benedittu minnufih iwiegħed lill-Papa Franġisku l-ubbidjenza u t-talb tiegħu.

Ftit jiem wara, il-Papa Benedittu kiteb ittra lill-Papa Franġisku fejn spjegalu li, issa li kien irtirat, kien lest li jċedini għas-servizz tiegħu. Fil-fatt, ftit wara, kienu ċempluli mis-Segreterija tal-Istat jitolbuni ninżel malajr lejn Santa Marta biex nibda naqdi lill-Papa Franġisku. Qabel ħallejt Castel Gandolfo dħalt insellem lil Benedittu fl-istudju tiegħu. Ridt nirringrazzjah ta' dak kollu li għallimni f'dawk is-snin. Telgħetli għoqla fi griżmejja u ma stajtx nitkellem sura ta' nies, inżilt għarkupptejja biex inbuslu ċ-ċurkett u nitolbu jberikni.

Il-Papa Franġisku laqagħni fl-istudju li għandu fil-Casa Santa Marta u dik l-ewwel laqgħa għadha mnaqqxa fil-memorja tiegħi. Mill-ewwel dħalna f'sintonija sabiħa ma' xulxin u kemm-il darba għoġbu jaqsam miegħi xi aspetti mill-karattru tiegħu u ġrajjiet li kien għadda minnhom l-Arġentina. Barra x-xogħol fis-Segreterija partikulari tiegħu, il-Papa Franġisku fdali ħidmiet oħra, bħal dik li nikkordina grupp ta' esperti biex tiġi eżaminata l-qagħda finanzjarja u amministrattiva tad-dikasteri differenti tal-Vatikan bl-iskop li titwaqqaf Segreterija għall-Ekonomija. Ma kinitx biċċa xogħol faċli, imma Alla kien qed jgħinna. Wara sena miegħu, il-Papa Franġisku ħatarni Segretarju Ġenerali ta' din is-Segreterija ġdida u domt naħdem hemm għal madwar erba' snin.



Mons. Alfred Xuereb jassisti lill-Papa Franġisku waqt Udjenza Ġenerali.



Il-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Mons. Xuereb fil-Vatikan fid-19 ta' Marzu 2018. *Ritratt: L'Osservatore Romano*

Fil-25 ta' Jannar 2018, wieħed mis-Superjuri sejjaħli biex jgħarrafni li l-Papa xtaq jaħtarni Nunzju Appostoliku. Ma kienx qalli mill-ewwel il-post fejn kienu se jibagħtuni u ġo qalbi bdejt nibża' li se jibagħtuni f'xi pajjiż Musulman fejn lanqas inkun nista' noħroġ bil-clergyman. Imma hekk kif smajt "il-Korea u l-Mongolja" ħadt ir-ruħ u aċċettajt b'ċertu entużjażmu. Malli mort id-dar fittixt fil-mappa ħa nara eżatt fejn jinsabu dawn iż-żewġ pajjiżi u nikseb xi tagħrif ieħor dwarhom. Niftakar li kont bqajt mistagħġeb sew xħin rajt li dakinhar fil-belt kapitali tal-Korea t-temperatura kienet -7ºC waqt li f'dik tal-Mongolja -25ºC. L-Ordinazzjoni Episkopali saret fid-19 ta' Marzu, immexxija mill-Papa Franġisku fil-Bażilika ta' San Pietru. Apprezzajt ħafna li l-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Mario Grech, flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti u bosta ħbieb oħra, qagħdu jinqalgħu apposta biex ikunu miegħi f'dak il-mument tant għażiż. Anki l-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Justyne Caruana, kienet telgħet Ruma apposta. It-televiżjoni nazzjonali ta' Malta xandar diretta l-quddiesa.

Fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa u tal-Għid inżilt Malta biex insellem lil niesi u mmexxi diversi quddisiet ta' radd il-ħajr lil Alla. Nhar is-26 ta' Mejju ħallejt lil Ruma wara 34 sena eżatt mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi. Kienet l-ewwel darba għalija li mmur il-Korea u sibt ambjent u tradizzjonijiet kompletament differenti. Kont ħsibt li l-Koreani jafu jitkellmu bl-Ingliż, speċjalment il-ġenerazzjonijiet żagħżugħa, imma għarrieli. Allura sibt ruħi fil-bżonn kontinwu ta' interpretu. Bdejt nieħu lezzjonijiet tal-lingwa Koreana u tgħallimt il-quddiesa u l-prefazji kważi kollha. Naraha importanti ħafna li nista' nqaddes bl-ilsien tal-post biex in-nies tkun tista' twieġeb u tieħu sehem aħjar. Hu sinjal ukoll għall-Koreani li r-rappreżentant tal-Papa jrid ikun qrib tagħhom u mhux jibqa' barrani.

Fil-Korea hawn 15-il djoċesi flimkien ma' dak li jissejjaħ Ordinarjat Militari, li hu mmexxi minn Isqof li, bl-assistenza ta' madwar mitt kappillan militari, jieħu ħsieb il-kura pastorali tas-suldati Koreani u l-familji tagħhom li jkunu mxerrda f'diversi partijiet tal-Korea u anki dawk li qegħdin f'servizz f'pajjiżi oħra. In-numru tal-Kattoliċi jilħaq ftit aktar minn 5 miljun, li hu 10% tal-popolazzjoni totali. Il-Kristjaneżmu daħal għat-tmiem tas-seklu 18 u ġie mibdi minn grupp ta' lajċi Koreani li minn jeddhom kienu jiltaqgħu bil-moħbi biex jistudjaw xi kotba reliġjużi li kienu ġew miċ-Ċina, fosthom dawk tal-missjunarju Ġiżwita Matteo Ricci. Għal nofs is-seklu 19 waslu missjunarji Franċiżi li taw spinta lill-evanġelizzazzjoni tal-Korea u bnew knejjes għall-kult. Il-persekuzzjoni ma damitx ma faqqgħet u tul dawk is-snin inqatlu eluf ta' Nsara, iżda minkejja dan kollu n-numru tal-Kattoliċi baqa' jikber.

Minbarra l-Korea, il-Papa fdali wkoll il-Prefettura Appostolika fil-Mongolja li, wara preżenza ta' 29 sena, tgħodd madwar 1,380 Kattoliku u Kattolika bi tmien parroċċi mxerrda f'territorju vast immens magħmul l-aktar minn art xagħrija. Preżentement hemm madwar 64 missjunarju mqassma bejn saċerdoti djoċesani u oħrajn reliġjużi minn kongregazzjonijiet differenti, numru ta' reliġjużi nisa u xi lajċi. Minbarra l-ħidma pastorali, il-missjunarji huma impenjati f'diversi oqsma: dawk soċjali permezz tal-Caritas Mongolia, ta' kura ta' tfal orfni, ta' nisa li batew vjolenza u ta' xjuħ abbandunati; fis-saħħa, b'ċentru speċjalizzat għal tfal b'diżabbiltà, klinika żgħira u spiżerija li toffri mediċini b'xejn lill-foqra; fl-edukazzjoni, permezz ta' kindergartens, skejjel, Istitut ta' studji, ċentri li joffru 'skill training', u aktar. Il-Vatikan u l-Mongolja stabbilixxew relazzjonijiet diplomatiċi fis-sena 1992 u f'Settembru 2018 ippreżentajt l-Ittri Kredenzjali lill-President bħala l-ħames rappreżentant tal-Papa f'dan il-pajjiż. Irrid nagħmel titjira ta' tliet sigħat u nofs biex minn Seoul nasal fil-kapitali, Ulaanbaatar. F'Ottubru 2021 għamilt ir-raba' żjara tiegħi u kelli l-grazzja nordna qassis żagħżugħ Mongolu li ħa l-formazzjoni tiegħu f'seminarju l-Korea. Dun Peter Sanjajav hu t-tieni saċerdot Mongolu li l-Mulej għażel minn din il-merħla ċkejkna u dan jimla b'tama kbira lill-Isqof tal-post, Giorgio Marengo IMC, u lil dawk kollha li jħabirku għall-evanġelizzazzjoni u għall-promozzjoni umana f'dan il-pajjiż fl-Asja Ċentrali li hu mogħni bi tradizzjonijiet antiki u bl-istorja glorjuża tal-aktar imperu estiż li qatt deher fid-dinja mwaqqaf mill-kbir Ghinggis Khaan.

F'dawn is-37 sena ta' ħidma fl-għalqa tal-Mulej f'pajjiżi lil hemm mid-djoċesi tiegħi, għandi konferma ta' kemm hu minnu l-kliem ta' Ġesù li dawk li jħallu djarhom, 'il ħuthom, 'l ommhom u 'l missierhom għal Kristu u għall-Vanġelu, jirċievu minn issa mitt darba aktar. Irrodd ħajr 'l Alla li wara bosta snin, sab mod kif iwettaq ix-xewqa tiegħi li mmur f'art tal-Missjoni. Waqt li nkompli nerħi ruħi f'idejh, nitolbu jurini xi jrid minni fis-snin li jixtieq jislifni fil-ġejjieni.



L-Arċisqof Alfred mal-Papa Franġisku.



L-uffiċċju tan-Nunzju Appostoliku Xuereb.

# SAN ĠORĠ FIL-KUNTEST TAD-DISKORSI LI GĦAMLILNA L-PAPA ĠWANNI PAWLU II FIŻ-ŻJARA TIEGĦU FIL-GŻEJJER MALTIN (MEJJU 1990)




Mons. Carmelo Scicluna

**Iż-Żjara riċenti tal-Papa Franġisku fostna f'ħafna minna reġgħet ġeddet il-memorji tal-ewwel żjara ta' Papa fil-gżejjer tagħna, dik ta' Ġwanni Pawlu II f'Mejju 1990, li fost l-oħrajn kien żar ukoll is-Santwarju Ta' Pinu u ċċelebra quddiesa fuq iz-Zuntier ta' quddiemu. Ħsibna li għal din l-okkażjoni nġibu din l-omelija dwar San Ġorġ, li għadha qatt ma ġiet ippubblikata, u li kien għamel l-Arċipriet Mons. Carmelo Scicluna tal-Katidral ta' Għawdex imnebbaħ mit-tagħlim tal-Papa, illum qaddis, Ġwanni Pawlu II fostna.**



Fiż-żjara tiegħu fil-Gżejjer Maltin, il-Papa Ġwanni Pawlu II għamlilna bosta diskorsi tabilħaqq għanja f'ħafna aspetti tad-duttrina tal-Knisja. F'dawn id-diskorsi hu saħaq kemm-il darba fuq il-prinċipju li Alla għandu jkun għalina, bħala segwaċi awtentiċi ta' Kristu, il-valur assolut u l-ogħla wieħed fil-ħajja.

San Ġorġ, il-Patrun tal-gżejjer tagħna, ma naqasx li fil-ħajja tiegħu jaċċetta bil-qalb dan il-prinċipju. Fil-fatt San Ġorġ f'ħajtu qatt ma ppermetta li l-antropoċentriżmu jieħu post it-teoċentriżmu, qatt ma biddel lil Alla mal-flus, mal-unuri, mal-ġid ta' din id-dinja u mal-pjaċiri li setgħet toffrilu d-dinja pagana ta' żmienu. Għalkemm il-qaddis tagħna Ġorġi kien jaf wisq tajjeb li l-antropoċentriżmu u t-teoċentriżmu ma għandna qatt inġibuhom f'kunflitt bejniethom, huwa qatt ma għex ħajja indipendenti minn Alla. Għalih Alla kien jiġi l-ewwel u qabel kollox; dan ifisser li f'ħajtu San Ġorġ ikklassifika lilu nnifsu bħala wieħed miċ-'ċkejknin' tal-Vanġelu. San Ġorġ kien jammetti li l-bniedem ma għandux jiġi mneżża' mid-drittijiet fundamentali, għax il-bniedem għandu l-jedd li jgħix ħajja umanament diċenti, iżda fl-istess ħin il-qaddis tagħna San Ġorġ dejjem żamm quddiem għajnejh il-verità li Alla hu l-bidu u t-tmiem ta' kollox.

Il-qaddis tagħna Ġorġi ħadem bla heda biex l-Insara ta' żmienu jiksbu l-istatus tagħhom fil-klassijiet kollha tas-soċjetà li fiha kien jgħix, iżda fl-istess ħin għamel attenzjoni speċjali biex ma jirrelattivizzax l-assolut u jassolutizza r-relattiv, għax il-konsegwenzi jkunu diżastrużi. San Ġorġ kien tgħallem sewwa fl-iskola tan-Nazzarenu Ġesù li jekk iqiegħed lill-bniedem flok Alla u lil Alla jniżżlu fuq livell uman, dan ikun spiritwalment ikisser u jfarrak lilu nnifsu; li l-bniedem jista' joħloq dinja mingħajr Alla, imma mbagħad l-istess dinja ddur kontra tiegħu. L-akbar ċertifikat li bih il-qaddis tagħna San Ġorġ ta xhieda ċara li huwa f'ħajtu żamm lil Alla bħala l-valur assolut, hu l-fatt li wara l-mewt ta' missieru hu ta ġidu lill-foqra u neża' minn fuqu l-unuri kollha li kien diġà kiseb fil-milizja tal-Imperatur Djoklezjanu. San Ġorġ, bħal San Pawl, f'din il-ħajja kien jistma lill-għana u l-ġid tad-dinja bħala qżież ħalli jkun jista' jikseb lil Alla.

Illum qegħdin ngħixu f'dinja ta' paganiżmu, u dan ifisser li aħna għandna sfida qawwija biex fil-ħajja tagħna lil Alla ma wwarrbuhx fil-ġenb. Il-kumditajiet ultramoderni li d-dinja qed toffrilna llum huma tentazzjoni qawwija biex ma naċċettawx lil Alla bħala l-ogħla valur assolut fil-ħajja tagħna. Iżda aħna nimitaw lill-qaddis tagħna Ġorġi, li bil-flus għamel mhux triq fil-baħar imma triq li wasslitu fis-Sema, fil-Ġenna pajjiżu.

**Ngħixu l-Fidi**

Iżda f'diskors ieħor fiż-żjara tiegħu fil-gżejjer tagħna l-Papa qalilna li "d-Djoċesi tagħkom ta' Għawdex hi mfaħħra għall-knejjes sbieħ tagħha". Kollha jixhdu r-rabta ta' missirijietna mal-Fidi Nisranija, iżda l-Papa qalilna li jekk il-fidi tagħna ma tibqax ħajja, dawn il-knejjes jitbattlu u jisfaw mużewijiet fejn hemm imħarsin oġġetti qodma u storiċi kif ukoll opri artistiċi kbar. U għalhekk il-Papa għamlilna appell qawwi biex din il-fidi ngħixuha kull waqt ta' ħajjitna.



San Ġorġ, il-qaddis ta' qalbna, offra xhieda ta' fidi ħajja kull fejn kien u ma' kullimkien. San Ġorġ quddiem ebda martirju ta'



dak il-kiefer ta' imperatur Djoklezjanu ma staħa jistqarr li Kristu hu l-mexxej waħdieni tiegħu. San Ġorġ kien dejjem lest li jagħti lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri, imma wisq aktar kien dejjem dispost li joffri lil Alla dak li hu ta' Alla. Ma naqasx San Ġorġ li jgħix il-Fidi Nisranija li rċieva dakinhar tal-Magħmudija quddiem is-swat ta' mal- kolonni quddiem l-imħallef Massenzju. Dik il-Fidi Nisranija l-qaddis tagħna Ġorġi għexha wkoll fil-ħabs mudlam li fih ġie mixħut kif ukoll meta ġie mitfugħ fil-kalkara tan-nar. Il-qaddis tagħna Ġorġi din il-Fidi Nisranija sarrafha f'għemejjel meta ġie mitfugħ fir-roti kiefra, meta ġie mlibbes sandli kollha msiemer niggieża, u saħansitra quddiem id-daqqa tal-mannara li ħasditlu rasu.

Biex jgħix din il-Fidi Nisranija, f'ħajtu San Ġorġ qatt ma ħares lura, waqt li qiegħed idejh fuq il-moħriet. San Ġorġ, biex jgħix din il-Fidi Nisranija, dejjem fittex li jikklassifika lilu nnifsu fost l-għarajjes għaqlin li dejjem iġorru ż-żejt tal-opri t-tajba fil-kwies tagħhom. Il-qaddis tagħna Ġorġi, biex jgħix din il-Fidi Nisranija, dejjem fittex li jħalli lill-mejtin jidfnu lill-mejtin tagħhom. Il-qaddis tagħna Ġorġi, biex jgħix l-adozzjoni divina li rċieva dakinhar tal-Magħmudija, qatt ma ħalla waqt wieħed ta' ħajtu jgħaddi mingħajr ma jistqarr ma' San Pawl: "O Mulej Ġesù, nixtieq ninħall biex ningħaqad miegħek għal dejjem".

Kienet din il-fidi wkoll li wasslet lil Ġorġi tagħna biex jaħfer lill-għedewwa tiegħu u saħansitra biex qatt ma jaċċetta l-prinċipju falz ta' żminijietna, l-hekk imsejjaħ "relattiviżmu stojċistiku" li jxandar li n-norma morali għall-formazzjoni ta' kuxjenza retta ma għadhiex assoluta imma saret relattiva. San Ġorġ f'kull ċirkustanza tal-ħajja qatt ma fittex dak li jaqbillu, dak li hu anqas diffiċli, imma prinċipju wieħed kien imexxih: li ma' Kristu trid taqsam tbatijietu biex miegħu wkoll taqsam il-glorja li messitu, il-qawmien mill-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-Sema fil-leminija tal-Missier Alla.

Mhux biżżejjed, ħuti, li ngħidu li nemmnu, iżda, bħalma qalilna l-Papa, hemm bżonn li aħna nkunu "ġebel ħaj" fil-binja spiritwali mwaqqfa fuq is-sisien tal-Profeti u l-Appostli, u li l-ġebla tal-kantuniera tagħha huwa Kristu. San Ġorġ f'ħajtu tana l-eżempju. M'hemmx triq oħra li permezz tagħha aħna nistgħu naslu s-Sema. M'hemmx mezz ieħor kif aħna nistgħu naqdu dmirijietna bħala Nsara.

Ngħixu l-Fidi, inkunu suldati qalbiena ta' Kristu, nixhdu għal Kristu kull fejn inkunu u ma' kull min inkunu…

*Mons. Carmelo Scicluna kien Arċipriet tal-Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria, Għawdex, bejn l-1976 u l-1995. Ħajr lil Emanuel Mizzi li għaddielna kopja ta' din l-omelija.*

## IL-GRUPP TAT-10K

F'dawn l-aħħar tliet snin, grupp ċkejken ta' persuni mill-Parroċċa tagħna attenda għal programm ta' formazzjoni dwar l-Għaxar Kmandamenti, magħruf bħala t-10K. Dan hu esperiment li beda fid-Djoċesi tagħna fl-aħħar snin, primarjament fost iż-żgħażagħ. Il-grupp li ltaqa' kull nhar ta' Tnejn filgħaxija fil-Parroċċa ta' San Ġorġ kien l-ewwel wieħed fid-djoċesi għal etajiet imħallta. Din il-mixja, li l-għan tagħha hu li tlaqqa' lill-Insara ta' żmienna mal-'ħajja ġdida' li jagħti Kristu, ġiet fi tmiemha fil-weekend tal-25, 26 u 27 ta' Frar fejn il-grupp 'ta' San Ġorġ' ingħaqad ma' dak taż-żgħażagħ minn Għawdex kollu għal irtir ta' jumejn fid-Dar tas-Sorijiet Dumnikani f'Għajnsielem. Il-ħajr speċjali tagħna jmur lejn Dun Noel Debono li matul dawn l-aħħar tliet snin, b'tant għerf spiritwali u dedikazzjoni, mexxa madwar 60 laqgħa ta' din ix-xorta fid-Dar Parrokkjali.



# KURUNELLA LIL SAN ĠORĠ MARTRI

## B'TIFKIRA TAL-GĦAXAR SNIN LI ILNI NWEĠĠAĦ LIL SAN ĠORĠ BIL-VRUS UMLI TIEGĦI (2012-2022)



Fra Ġorġ Grech ocso



B'fidi ferma mogħni kmieni,
Ġorġ, int jiemek le ma ħlejt.
Pussess tajt ta' qalbek safja
lil Ġesù li tant ħabbejt.

Minn ċkunitek dawlek idda.
Żelu, ħrara, qima wrejt
lejn il-foqra u l-batuti,
b'ferħ qaddis lilhom servejt.

*Glorja.*

F'Kappadoċja għixt tfulitek,
tħeġġiġt bikri b'kull virtù,
u bikri ħadt id-deċiżjoni:
"Mewt lest nieħu għal Ġesù".

Sigħat twal ta' talb kontinwu,
għarkupptejk, ħsiebek miġbur,
f'dak il-wens tal-katakombi
rbaħt kull biża' u dulur.

*Glorja.*

Kif f'Berito ksibt vittorja
fuq dragun għatxan għad-demm,
u mill-mewt ħlist prinċipessa,
trijunfanti fuq kull hemm.

F'Lidda kont Tribun fl-Imperu,
waqaft sod 'l-Imperatur.
L-editt int qattajt fi bċejjeċ,
stmajt bħal knis kull ġid u unur.

*Glorja.*

Sqewk sal-qiegħ tal-morr il-kalċi,
bqajt sal-aħħar fidil lejH.
Waqt is-swat u t-turmenti
ġa bdejt tħossok qiegħed ħdejh.

Bis-Salib marsus ma' sidrek
l-ħarxa mewt kien hemm għalik;
'l-manigold mill-ħabs int ħfirtlu:
o xi mħabba kellek fik!

*Glorja.*

Djoklezjanu ssummat baqa'
bil-qlubija li ra fik.
Ma kienx jaf il-ħakem kiefer
li Ġesù b'qaw'tu għaniek!

Int il-ġieħ irfistu u sħaqtu,
kull tiġrib ġarrabt għalih:
hekk kif rasek ġiet maħsuda
ġo dirgħajh ħaddnek rebbieħ.

*Glorja.*

Ħajtek tajt f'Nikomedija;
ismek twaħħad ma' dil-belt.
Xempju ħaj int tal-qalbiena,
faraġ sabu fik f'kull għelt.

Ta' Antjokja, fil-battalja,
il-ħarsien tiegħek ingħata
lill-Insara; u għal dir-rebħa
nħtart Patrun ta' kull Kruċjata.

*Glorja.*

Kif il-Mislem deher fix-xefaq
talbuk niesna ħerqanin.
Fuq is-swar dhert żvelt tissielet
u r-rebħ tajthom lill-Maltin.

F'artna l-pesta ħerba ġiebet:
mard u qerda tal-imwiet.
Ħlistha inti b'qawwiet driegħek
minn kull għawġ u tbatijiet.

*Glorja.*

Fit-theddid tat-terremoti
lejk il-poplu Għawdxi dar,
u bħal dejjem inti smajtu,
u f'serħan biddilt l-imrar!

Meta x-xita baqgħet skarsa,
talb, fervur f'pellegrinaġġ
offrew lilek l-antenati,
u 'l kull qalb imlejt b'kuraġġ.

*Glorja.*

Tal-vittorja rbaħt il-palma,
u warajk ġnus sħaħ imxew.
Fi ħdan Alla tgawdi hieni:
b'talbek għinna nistagħnew.

Ġnusna fik poġġew tamiethom:
titlaqniex minn taħt għajnejk.
Sejf u tarka int għalina:
tista' qalbna ma ddurx lejk!

*Amen. Halleluljah.*

R/. San Ġorġ, Kavallier ta' Kristu.
*V/. Ta' ħajjitna kun mudell.*

**Nitolbu**

O ħanin Alla, li żejjint bil-kobor tal-mirakli lil San Ġorġ, Patrun tagħna, nitolbuk bl-interċessjoni setgħana tiegħu: saħħaħna bil-valuri Nsara u kebbes f'qalbna l-Fidi soda li writna mingħand missirijietna. Ta' dan infaħħruk u nberkuk issa u dejjem, bi Kristu Sidna. Amen.

23 ta' April 2022

**Imprimatur**
Gaudisii, die 23 Aprilis 2022
Tarcisius Camilleri
Vic. Gen.

PROGETTI



# LURA GĦALL-GLORJA KOLLHA TAGĦHA

Andrew Formosa

Fl-ewwel ġranet ta' April, kull min kien għaddej mill-Pjazza ta' San Ġorġ seta' jinnota għaddejjin l-aħħar xogħlijiet relatati mar-restawr tal-aħħar parti ta' isfel tal-faċċata. Kien proprju fit-8 ta' April li l-aħħar strutturi tal-ħadid tneħħew biex b'hekk il-faċċata tlestiet mix-xogħol ta' restawr.

Ix-xogħol tar-restawr tal-faċċata beda fis-16 ta' Ottubru 2019. L-aktar proċess delikat – u l-aktar li ħa żmien – kien dak relatat mal-kampnar tal-punent. Hekk kif intrama l-iscaffolding u ġie spezzjonat mill-viċin, ġiet ikkonfermata ħsara kbira fl-istruttura kkawżata minn ċinturin tal-ħadid li ssaddad maż-żmien, u ma kienx hemm triq oħra ħlief li tiżżarma l-parti ta' fuq. Fil-kliem tan-nies tekniċi mqabbda mill-Parroċċa, din kienet l-aktar biċċa xogħol ta' uġigħ ta' ras. Ix-xogħol involva l-ħatt u t-tpoġġija mill-ġdid ta' għadd ta' ġebel bil-lavur, filwaqt li tpoġġa ċinturin ġdid madwar il-kampnar biex jitneħħa kull periklu li kien ikkawża dak preċedenti.

Ix-xogħol ta' restawr kien jinvolvi l-applikazzjoni ta' diversi metodi ta' restawr li ġew użati skont il-ħtieġa. Kull min seta' jara mill-qrib il-faċċata waqt ix-xogħlijiet, seta' japprezza x-xogħol verament sabiħ ta' lavur li sar imma li maż-żmien kien tħammeġ u ddeterjora. Illum li kulħadd jista' jara mill-ġdid il-faċċata tal-Bażilika Ġoġjana, napprezzaw kemm kien utli dan l-intervent. Ix-xogħol kollu ta' restawr sar skont prattiċi stabbiliti taħt is-superviżjoni ta' nies tekniċi bi qbil mal-awtoritajiet konċernati.

Ix-xogħol ta' restawr sar bil-fondi tad-Direttorat għal Eko Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Dan ix-xogħol sar permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti fejn intgħażlet il-kumpanija ReCoop Ltd. Il-pass li jmiss hu dak ta' installazzjoni ġdida ta' illuminazzjoni tal-faċċata u l-koppla li ser tikkumplimenta u tivvalorizza aktar ir-restawr estensiv li sar.

Jalla dan il-wirt li tħalla lilna minn Ġorġjani qabilna nkomplu ngħożżuh u napprezzawh ħalli jkollna xi nħallu lil ta' warajna.



# IL-PITTURA TA' ĠESÙ U MARIJA – KONSERVAZZJONI U RESTAWR



PROĠETTI

Il-Kan. Charles Vella
konservatur u restawratur



Il-pittura qabel u wara

**Matul l-2022 saru interventi ta' restawr u konservazjzoni fuq il-kwadru ta' Ġesù u Marija, pittura fuq it-tila tas-seklu 18, maħduma mill-pittur importanti Malti Alessio Erardi, madwar 134ċm għolja u 161ċm wiesgħa; kif ukoll tas-soprakwadru ta' fuqu li jirrappreżenta lil Sant'Injazju ta' Loyola, pittura biż-żejt fuq it-tila li wkoll aktarx tmur lura għall-istess seklu, u hi 106ċm għolja u 91ċm wiesgħa.**

Ir-restawratur li għamel l-interventi huwa l-Kan. Charles Vella, li kien responsabbli wkoll għad-direzzjoni tar-riċerka xjentifika u storika. L-analiżijiet xjentifiċi fuq din il-pittura saru mill-Università ta' Bergamo, l-Italja, mill-Professuri Gianluca Poldi u Maria Letizia Amadori. Il-fotografija teknika saret b'mod xjentifiku mis-Sinjuri Manuel u Sue Ciantar.

**Il-kompożizzjoni materjali ta' din il-pittura**

Studji preliminari u preparatorji kif ukoll matul l-eżekuzzjoni tax-xogħol ta' restawr juru li l-kwadru huwa maħdum fuq tila tan-newl irqiqa u fina, iżda minsuġa b'mod magħqud u marsusa tajjeb. It-tila hi meħjuta minn żewġ biċċiet vertikali. Tant hija fina li l-kuluri primarji nifdu wkoll fuq wara.

L-istat tal-tila huwa tajjeb, ħlief li kellha xi toqob fuq ras Ġesù u Marija li jindikaw li f'xi żmien seta' kellhom xi kuruni tal-fidda dekorattivi. Tiċrita isfel tindika li xi darba laqqtet daqqa ta' xi salib ta' bejn il-gandlieri.

It-tila ġiet stirata fuq tilar irqiq ħafna u fraġli. It-tilar ma kellux traversa fin-nofs, u kien f'kundizzjoni ħażina. Xi żmien ilu saru interventi fuq it-tila li llum huma aboliti, u ma baqgħux iservu tajjeb għall-kwadru.




Is-soprakwadru ta' Sant'Injazju ta' Loyola qabel u wara r-restawr.

**Is-saffi ta' fuq it-tila**

Is-saffi ta' fuq it-tila, jew aħjar kif ipprepara t-tila l-pittur Erardi, huma sempliċi kif kien isir f'dak iż-żmien, billi ħallat kolla magħmula mill-ġlud tal-annimali ma' materjal organiku skur fil-kannella. Din it-taħlita l-pittur jew l-assistent tiegħu applikawhom b'mod omoġenju u sottili fuq it-tila biex ma tibqax puruża u tħejji wiċċ tajjeb li jkun jista' jpitter fuqu.

Il-pittura saret biż-żejt u ntużaw pigmenti u kuluri organiċi, iżda l-aktar minerali prezzjużi, fosthom lapis lazuli għall-blu tal-Madonna u ċinabru (vermilion) għall-mant ta' Ġesù. Il-verniċ oriġinali huwa organiku. Matul interventi fil-passat kemm il-verniċ oriġinali u kemm il-lapis lazuli tilfu ħafna mill-integrità oriġinali tagħhom.

Il-kuluri prinċipali użati fuq din il-pittura huma: isfar, aħdar, aħmar jagħti fil-vjola, blu (*ultramarine*), lapis lazuli, aħmar (vermilion*)*, sepias, abjad u iswed.

**Il-kundizzjoni ta' konservazzjoni qabel ir-restawr**

L-istat tal-pittura qabel ir-restawr kien ħażin u fi bżonn kbir li tiġi rrestawrata. Dan minħabba li ħafna mill-kuluri kienu qegħdin jaqgħu u jitfarrku. Kellha wkoll ħafna interventi ta' rtokki goffi, li xi drabi kienu saħansitra interpretazzjonijiet manipulattivi u invażivi fuq il-pittura oriġinali, li saru mir-restawraturi preċedenti. Dawn l-interventi kienu l-aktar fuq il-ħwejjeġ ta' Ġesù u Marija, fejn ukoll ġew ivvintati panneġġi tad-drapp fuq dawk oriġinali.

Kien hemm ukoll ħafna varniċijiet ħoxnin u mhux omoġenji li skuraw u tellfu milli jinqraw il-kuluri oriġinali. Umdità li nqabdet taħt dawn il-passati ħoxnin fuq xulxin ta' verniċijiet iffurmat dbabar bojod fuq wiċċ il-pittura, speċjalment in-naħa ta' isfel, hekk li l-pittura kienet tidher skura u mdaħħna, tilfet l-effett kromatiku oriġinali kif ukoll dimensjonali.

It-tila wkoll kienet deformata minn stiraturi ħżiena mat-tilar li saru fil-passat, għalkemm qatt ma kienet rilentilata. It-tila kienet ukoll imdendla biż-żaqq in-naħa ta' isfel.

Fir-rigward tal-istrat pittoriku, kien hemm ukoll fin-naħa ta' isfel tal-pittura madwar 10ċm ta' żebgħa invażiva barranija, u ħafna ħsara fil-kuluri u s-saffi preparatorji oriġinali. Is-saff pittoriku kellu ħafna qasmiet u ħafna tbajja' ta' umdità u fungi. Kien hemm ukoll ħafna qtar tax-xema' u nugrufun. Is-saffi pittoriċi oriġinali ma kinux għadhom marbutin tajjeb mat-tila, bil-konsegwenza li ntilfu ħafna biċċiet mill-kompożizzjoni oriġinali.

Id-dehra ġenerali tal-pittura kienet skura, mitfija mid-dawl polikromatiku li jagħtu l-kuluri minerali, verniċ kristallizzat skur, tila mdendla u tilar dgħajjef, lakuni ta' kuluri li waqgħu, tiċrit fit-tila, biċċiet ta' tila mwaħħlin b'kolla iebsa li kkawżaw ukoll deformazzjoni fit-tila oriġinali.

Il-pittura ta' Ġesù u Marija b'mod ġenerali kienet fi stat ħażin ħafna qabel ir-restawr u t-trattamenti ta' konservazzjoni.

**It-trattamenti ġenerali ta' interventi ta' konservazzjoni u restawr**

Sar tindif intensiv mill-ħafna saffi skuri ta' verniċ; tindif minn ħafna interventi tal-passat, fosthom irtokki invażivi, u biċċiet tat-tila inferjuri mwaħħla minn wara, kif ukoll ħafna stokk fuq il-wiċċ tal-pittura magħmula bil-kolla u l-ġibs li kienu jirkbu fuq il-kuluri oriġinali.









Dettalji tal-figuri waqt ir-restawr.

Saru trattamenti ta' konsolidament bi prodotti professjonali speċjali, li jsaħħu t-tila oriġinali, kif ukoll jorbtu l-kuluri u s-saffi kollha oriġinali mat-tila, biex ma jaqgħux aktar biċċiet mill-pittura.

Saret strixxa ta' inforra li ssaħħaħ it-trufijiet mnejn tqabbad it-tila mat-tilar, u tilar ġdid b'teknoloġija avvanzata biex jistira tajjeb it-tila.

Saru rtokki biss fejn meħtieġ b'kuluri bażi ta' verniċ li ma fihomx żejt, permezz ta' pigmenti professjonali li ma jitbiddlux maż-żmien u jibdew jidhru dbabar, li barra li huma stabbli, huma ta' natura riversibbli. L-irtokki saru b'teknika puntwalista.

Ingħata verniċ finali li jissatura b'mod omoġenju s-saff pittoriku, hu riversibbli, ma jisfarx jew jiskura, u fih ukoll protezzjoni mill-UV.

MILL-ARKIVJU



Toni Farrugia

# IL-LAQMIJIET FIR-RABAT FL-1902 (3)

MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (7)

**Mir-Reġistru tal-i*Statuts Animarum* tal-1902, inkomplu naraw iktar laqmijiet…**

| LAQAM | FAMILJA |
|---|---|
| Nisju ta' Benedett | Tabone |
| In-Nonu | Meilaq |
| In-Nuna | Agius |
| Tan-Nusla | Bugeja |
| Tal-Orjenti | Galea |
| Ta' Paċikk ta' Ninu | Pace |
| Ta' Paċikkana | Cordina |
| Ta' Pakerella | Spiteri |
| Il-Palal | Grech |
| Tal-Palenta | Cassar |
| Tal-Palistin | Pace |
| Ta' Pantu | Buhagiar |
| Il-Panzier | Agius |
| Tal-Parent | Zammit |
| Tal-Pari | Briffa |
| Tal-Pastas | Grech |
| Tal-Pastizzi | Zammit |
| Il-Patakk | Micallef |
| Ta' Patist il-Furnar | Vella |
| Patist tal-Ħamrija | Pace |
| Ta' Patista | Cremona |
| Ta' Patista | Pace |
| Il-Patri | Cardona |
| Il-Patri | Saliba |
| Tal-Patri | Sultana |
| Tal-Patrun | Camilleri |
| Ta' Pawlu ta' Benedett | Camilleri |
| Pawlu ta' Dirjanu | Lanzon |
| Ta' Pawlu ta' Kelment | Busuttil |
| Ta' Pawlu tal-Ferħa | Grech |
| Ta' Pawlu tar-Rebekk | Zammit |
| Il-Peċċa | Camenzuli |
| Il-Peċiċċ | Tabone |
| Ta' Peppija | Farrugia |
| Peppu Belli | Grech |
| Ta' Peppu tal-Lekk | Grech |
| Ta' Peppu tas-Sabiħ | Meilaq |
| Perina | Saliba |
| Ta' Perpera | Sultana |
| Pesula | Gauci |
| Ta' Petaldu | Pace |
| Tal-Petit | Grima |
| Ta' Pettu | Abela |
| Ta' Pewata | Zammit |
| Ta' Piċlejku | Mizzi |
| Ta' Pietru ta' Truppu | Sagona |
| Ta' Pietru tal-Grixti | Azzopardi |
| Ta' Piju | Calleja |
| Pilatu | Attard |
| Pina ta' Luċċi | Bezzina |
| Ta' Pina ta' Prinu | Bezzina |
| Tal-Pipa | Camilleri |
| Ta' Pipsu | Galea |
| Tal-Pixett | Axiaq |
| Ta' Pixwa | Cefai |
| Tal-Piżan | Spiteri |
| Tal-Pizzin | Debono |
| Tal-Pizzin | Pisani |
| Ta' Pizzutu | Formosa |
| Tal-Pjan | Grima |
| Ta' Plastu | Vella |
| Tal-Plejpell | Grech |
| Tal-Ploj | Farrugia |
| Tal-Ponċ | Debrincat |
| Tal-Ponċ | Gauci |
| Il-Ponċa | Gauci |
| Ta' Pranza | Cini |
| Ta' Prinu | Grech |
| Ta' Pulitu | Gatt |
| Tal-Pupu | Camilleri |
| Il-Pupu | Gatt |
| Ta' Pupul | Farrugia |
| Ta' Pupul tal-Fanal | Zammit |
| Tal-Qalfat | Mifsud |
| Ta' Qamħa | Farrugia |
| Tal-Qanfuda | Vella |
| Tal-Qargħi | Hili |
| Tal-Qartas | Gatt |
| Qassisu | Attard |
| Ta' Qassisu | Haber |
| Tal-Qattus | Cachia |
| Qerrieda | Spiteri |
| Qorru | Zammit |
| Ir-Rall | Mintoff |
| Ir-Ramam | Zammit |
| Randu | Buhagiar |
| Randu tal-Mitħna | Camilleri |
| Ta' Rarram | Debattista |
| Tar-Rebekk | Bugeja |
| Tar-Rebekk | Galea |
| Tar-Rebekk | Zammit |
| Ta' Regina tan-Namru | Attard |
| Tar-Reġistratur | Tabone |
| Ta' Reni | Apap |
| Ressaq | Scicluna |
| Ta' Rigu | Fleri |
| Ta' Rixu | Cini |
| Rosa ta' Dalli | Dalli |
| Rosa tal-Ġidri | Mintoff |
| Ta' Rosanna | Bugeja |
| Ir-Ruvlu | Cordina |
| Tas-Sabiħ | Meilaq |
| Tas-Sabiħa | Grima |
| Is-Sagristan | Cassar |
| Ta' Saguna | Pace |
| Tas-Sajku | Sacco |
| Is-Sakku | Farrugia |
| Ta' Saliba | Saliba |
| Ta' Salvatura | Custò |
| Tas-Salvatura | Spiteri |
| Salvu n-Nanna | Pace |
| Ta' Salvu ta' Brunka | Refalo |
| Ta' Salvu ta' Kelment | Grech |
| Ta' Salvu ta' Tona | Cassar |
| Ta' Salvu tan-Namru | Galea |
| Tas-Sampinar | Gatt |
| Tas-Sanit | Pace |
| Ta' Santuta | Muscat |
| Tas-Saraċin | Camenzuli |
| Ta' Saraga | Tabone |
| Ta' Sarè | Sarè |
| Ta' Sasisa | Scicluna |
| Savier il-Ħaddied | Grech |
| Ta' Savier ta' Fenz | Micallef |
| Savier tal-Makaw | Buhagiar |
| Tas-Segwest | Farrugia |
| Tas-Segwest | Saliba |
| Tas-Segwest | Scerri |
| Is-Sejsep | Apap |
| Tas-Sejt | Cassar |
| Ta' Senna | Spiteri |
| Ta' Sensula | Debrincat |
| Tas-Seqer | Spiteri |
| Ta' Serafina | Cutajar |
| Tas-Sewdi | Calleja |
| Tas-Sħajjaħ | Scerri |
| Ta' Sidoru | Mizzi |
| Tas-Sigarriera | Salerno |
| Tas-Siġill | Hili |
| Ta' Sika | Gauci |
| Tas-Siku | Grima |

| LAQAM | FAMILJA |
|---|---|
| Ta' Simara | Cauchi |
| Tas-Sinjur | Scerri |
| Tas-Sinna | Spiteri |
| Tas-Sipitani | Farrugia |
| Tal-Iskarpan | Cremona |
| Ta' Skrilja | Agius |
| Ta' Smina | Grech |
| Ta' Smina | Mizzi |
| Tas-Snejter | Debattista |
| Tas-Snien | Attard |
| Tas-Snien | Vella |
| Ta' Sofija | Schembri |
| Tas-Soldat | Vella |
| Sopu | Attard |
| Tas-Sorġent | Calleja |
| Is-Sotto Spettur | Haber |
| Spettur Sanitarju | Cutajar |
| Spiru Axisa | Axisa |
| Spiru tad-Dublun | Vella |
| Ta' Stejfen | Cordina |
| L-iStorekeeper | Pace |
| Ta' Stromu | Grech |
| Is-Sultan | Cefai |
| Ta' Sultana | Sultana |
| Tas-Supitani | Farrugia |
| Tas-Sur Mikieli | Calleja |
| Surmastru Nardu | Pace |
| Ta' Franġisk ta' Sewdi | Calleja |
| Tabib tas-Sanità | Calleja |
| Tat-Taħħana | Farrugia |
| Tat-Tajjar | Spiteri |
| It-Taljana | Kovacovich |
| It-Tawru | Galea |
| Tat-Temp | Tabone |
| It-Temtumi | Cremona |
| Ta' Terna | Scerri |
| It-Terremot | Bajada |
| Tat-Tiġieġa | Debrincat |
| Tilla | Tabone |
| Tat-Tirtir | Borg |
| Tat-Tittu | Buttigieg |
| Tat-Tluti | Tabone |
| Tat-Tokka | Buttigieg |
| Tona ta' Brajġu | Portelli |
| Ta' Tona ta' Portelli | Muscat |
| Toni Duda | Grech |
| Ta' Toni il-Ħaddied | Cauchi |
| Toni l-Iskarpan | Gauci |
| Ta' Toni Portelli | Portelli |
| Ta' Toni ta' Milħa | Borg |
| Ta' Toni ta' Salvatura | Grima |
| Ta' Toni ta' Salvatura | Zammit |
| Ta' Toni tal-Laħam | Zammit |
| Toni tan-Nenċ | Gatt |
| Ta' Toni tas-Sampinar | Gatt |
| It-Torki | Farrugia |
| Tat-Totur | Vassallo |
| It-Trajka | Grech |
| Ta' Triesti | Farrugia |
| Ta' Truppu | Sagona |
| Ta' Urezju | Aquilina |
| Ta' Vanġela il-Ħassiela | Attard |
| Il-Vapur | Galea |
| Tal-Vergonja | Dimech |
| Tal-Verigott | Gambin |
| Tal-Viljakk | Portelli |
| Ta' Vitor | Cilia |
| Tal-Vjolin | Buttigieg |
| Ta' Wenzu l-Furnar | Gatt |
| Ta' Wenzu ta' Karram | Attard |
| Ta' Wenzu ta' Luċija | Buhagiar |
| Wenzu ta' Pietru | Zammit |
| Wenzu T'Anni | Galea |
| Ta' Wenzu tax-Xixu | Farrugia |
| Wiġi l-Furnar | Gatt |
| Wiġi l-Ħaddied | Grech |
| Wiġi l-Patri | Zammit |
| Wiġi ta' Fenz | Micallef |
| Ta' Wiġi ta' Xmun | Camilleri |
| Ta' Wigi ta' Żeppi | Attard |
| Ta' Wiġi tal-Ferħa | Grech |
| Ta' Wiġi tal-Orjenti | Galea |
| Ta' Wiġi tas-Sur Mikiel | Calleja |
| Ta' Wiġi tas-Snien | Attard |
| Ta' Wiġi tax-Xagħra | Grech |
| Tal-Wirżieq | Gatt |
| Tal-Wirżieq | Stellini |
| Ta' Wistin | Camilleri |
| Il-Wott | Mercieca |
| Tax-Xaħam | Tabone |
| Ta' Xantaljuni | Schembri |
| Ta' Xaqqaq | Farrugia |
| Tax-Xenderett | Azzopardi |
| Ix-Xidja | Micallef |
| Tax-Xiffa | Mifsud |
| Tax-Xiffa | Zammit |
| Ta' Xindi | Tabone |
| Tax-Xlendi | Axiaq |
| Tax-Xlendi | Bajada |
| Ta' Xlixti | Theuma |
| Ta' Xmun | Camilleri |
| Tax-Xott | Attard |
| Tax-Xott | Sciberras |
| Tax-Xriek | Farrugia |
| Ix-Xuxi | Grech |
| Żabbella | Abela |
| Ta' Żabbetta | Grima |
| Ta' Zahra | Cutajar |
| Taz-Zalzetta | Agius |
| Ta' Zammit | Zammit |
| Taż-Żarmuċ | Bajada |
| Ta' Żawila | Cini |
| Taż-Żażu | Attard |
| Ta' Żażu | Borg |
| Taż-Żebbuġi | Xuereb |
| Taż-Żehir | Mercieca |
| Ta' Żejta | Zammit |
| Iż-Żejżer | Mizzi |
| Ta' Żeppita | Attard |
| Ta' Żeppita | Gauci |
| Ta' Żeppu tal-Mestizz | Micallef |
| Żerrek | Agius |
| Taz-Zezzier | Hili |
| Taż-Żgħawri | Buttigieg |
| Taż-Żiemel | Azzopardi |
| Taż-Żiemel | Galea |
| Ta' Ziklu | Vella |
| Taż-Żirżir | Gauci |
| Ta' Żnajfa | Borg |
| Iż-Żnajt | Grech |
| Iż-Żnied | Mercieca |
| Taż-Żniek | Cardona |
| Taż-Żniek | Cordina |
| Żobri | Vella |
| Zolla ta' Gajtan | Attard |
| Ta' Zolla ta' Kikka | Borg |
| Zolla tas-Sisu | Agius |
| Iz-Zollar | Attard |
| Iz-Zolli | Zammit |
| Taż-Żombor | Farrugia |
| Taz-Zopp | Portelli |
| Taż-Żotni | Pace |
| Iż-Żott | Carnemolla |
| Taz-Zozu | Borg |
| Ta' Żugħa | Gauci |












# SEHEM L-ARĊIPRIET ALFONS M. HILI FL-EWWEL PARLAMENT MALTI (2)

Anton Farrugia

*...jaqbad mill-aħħar ħarġa*

Fis-17 ta' Jannar 1922 Mons. Alfons M. Hili għamel l-ewwel diskors tiegħu fil-Parlament, il-*maiden speech* tiegħu, meta tkellem fuq mozzjoni mressqa mill-Kan. Carmelo Bugelli biex il-Parlament ikun ikkonsagrat lill-Qalb ta' Ġesù. Mons. Hili qal: "Nappoġġja bil-qalb kollha l-mozzjoni tal-Onor. Bugelli. Nappoġġjaha bil-qalb kollha biex mas-saċerdoti Maltin nassoċja lis-saċerdoti Għawdxin, għaliex din il-konsagrazzjoni ta' dan il-Parlament tagħna lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù tressqet fuq rakkomandazzjoni taż-żewġ Isqfijiet, jiġifieri ta' Malta u ta' Għawdex, kien xieraq ħafna li saċerdot Malti jipproponiha u saċerdot Għawdxi jissekondaha. B'hekk inkunu nistgħu nagħmlu l-konsagrazzjoni tal-Parlament, u nitolbu lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù tixħet il-barka tagħha fuq din il-Kamra, u aħna, bil-qalb kollha, naħdmu dejjem, kif qed nipproponu, taħt il-patroċinju tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù biex inġibu 'l quddiem lil pajjiżna, u b'hekk bl-għajnuna u l-ħarsien tal-Qalb Qaddisa msejħa minna, mhux biss tberikna, imma anki biex din il-barka tibqa' fuqna matul din il-leġislatura ta' dan il-Parlament".

Il-mozzjoni għaddiet, u billi kienet titlob li titwaqqaf Kummissjoni biex tara li ssir din il-konsagrazzjoni, il-Kan. Bugelli fost il-membri ta' din il-kummissjoni ppropona lil Mons. Hili.

Fit-30 ta' Jannar 1922 ħa sehem fid-dibattitu dwar "Inkjesta fl-amministrazzjoni tad-Dipartimenti tal-Gvern f'Għawdex", mozzjoni mressqa mill-Avukat Luigi Camilleri, deputat tal-istess partit tiegħu. Mons. Hili qal: "Jien nissekonda l-mozzjoni; u nissekondaha bil-qalb kollha għaliex wasal iż-żmien li jsir fid-dikasteri ta' Għawdex dak li hu propost. Għawdex s'issa kien minsi għalkollox, iżda bil-Kostituzzjoni l-ġdida jidher li wasal iż-żmien li ssir ġustizzja. Din il-ġustizzja ssir jekk permezz ta' din il-kummissjoni titwettaq ir-riorganizzazzjoni fl-uffiċċji tal-Gvern. Dan hu bżonnjuż. Ilhom wisq isiru lmenti dwar diversi uffiċċji u għalhekk nispera li din il-Kummissjoni tkun magħmula minn irġiel għarfa, mhux biss, minn irġiel indipendenti li jistgħu jaqdu dmirhom mingħajr ma jkunu korrotti bi kwalunkwe mod. Nispera li minn din il-Kummissjoni Għawdex jikseb ħajja ġdida, ħajja li ilna nħambqu fuqha u nisperaw li issa bil-ġustizzja tingħatalna".

Fit-30 ta' Ottubru 1922 għamel żewġ mistoqsijiet, waħda lill-Prim Ministru u l-oħra lill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Lill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Howard, staqsieh: "Nistaqsi hix l-intenzjoni tal-Gvern biex iżid f'Għawdex in-numru tal-pulizija, meta tikkunsidra li n-numru preżenti mhux biżżejjed biex iżommu l-ordni pubbliku u jipprevenu ġlied u delitti".

Il-Prim Ministru wieġeb: "Il-Gvern ma jsib l-ebda diffikultà li jżid in-numru ta' pulizija f'Għawdex jekk jara l-bżonn. Iżda jekk ikollu jżid in-numru, ikun hemm bżonn li jiżdied in-numru tal-pulizija in ġenerali li żżid l-ispiża tal-Kap tal-Pulizija, xi ħaġa li la hi mixtieqa u anqas possibbli bħalissa. Fuq kollox il-Kummissarju tal-


Is-Sala tal-Arazzi fil-Palazz tal-President li kienet isservi bħala l-Parlament Malti.

Pulizja żgurani li n-numru ta' pulizija li hemm preżentement f'Għawdex hu biżżejjed biex iżommu l-ordni pubblika." (L-Onor. Dr Luigi Camilleri: "Dan mhux veru".)

Lill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Antonio Dalli, staqsieh: "Nistaqsi lill-Onor. Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi jekk hix l-intenzjoni tal-Gvern:

1. Jipprovdi għejun pubbliċi fil-lokalitajiet ta' Wied Sara, il-Belliegħa, it-tarf ta' Triq it-Tiġrija, u t-truf tal-Belt Victoria fejn ma hemmx.
2. Jitqiegħdu lampi f'Wied Sara, fil-Belliegħa u fil-Bajada (fi Triq Kerċem), meta wieħed iqis li Wied Sara hu kompletament fid-dlam u ż-żewġ lokalitajiet l-oħra huma kważi mudlama".

Il-Ministru wieġeb: "Rigward l-għejun pubbliċi f'Wied Sara u l-Belliegħa nirreferi lir-Rev. Sinjur għar-risposta li tajtu għall-interpellanza li għamilli aktar kmieni. Rigward l-għajn fit-tarf ta' Triq it-Tiġrija, billi l-ispiża mhix kbira, il-Gvern fi ftit żmien se jibda x-xogħol. Se titqiegħed lampa f'Wied Sara".

**It-Tielet Sezzjoni tal-Ewwel Leġislatura – 1923-1924**

Fit-3 ta' Diċembru 1923 ħa sehem fid-dibattitu tal-estimi ġenerali dwar "Servizz reliġjuż lil pazjenti taċ-Church of England f'Istituzzjonijiet Karitattivi". Mons. Hili qal: "Sur President, jien studjajt sew din il-kwistjoni; qrajt is-siltiet kollha li qara l-Onor. Mons. Ferris, u avviċinajt persuni kompatibbli, u minn dan l-istudju li għamilt wasalt għall-konklużjoni li din il-kwistjoni, aktar milli hi kwistjoni li tammetti kult *eterodosso*, mhix ħlief ħaġa materjali, *materjalissma*, li qed jitolbuna nivvutaw f'dan il-vot. (L-Onor. Rev. Enrico Dandria: Hear, hear.) Anki jekk fl-istess waqt il-kuxjenza tgħidlina li din hi koperazzjoni formali, iżda hemm ħafna ċirkustanzi madwar din il-kwistjoni li jistgħu, skont dak li qalu dawn it-teologi, jibdlu l-formalità f'materjalità. U għalhekk jekk aħna ma nistgħux nikkoperaw formalment u dan hu ħażin u anki dnub, madankollu mhux ħażin iżda sew li nikkoperaw materjalment. Dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jiżnuhom ħafna aktar il-Ministri li huma f'pożizzjoni aħjar minna; għalhekk jien wasalt għall-konklużjoni li jekk il-Ministri jipproponulna dan il-vot u jgħidulna li dawn iċ-ċirkustanzi li jinsabu madwarna huma tant u tant gravi li tista' titneħħa l-formalità u tinbidel f'materjalità, jien ngħid li nistgħu nivvotaw bil-kuxjenza kollha mingħajr ma nonqsu lir-Reliġjon qaddisa tagħna (*approvazzjoni*) u nibqgħu Kattoliċi Appostoliċi Rumani (*approvazzjoni*)".

Fis-17 ta' Diċembru 1923 għamel mistoqsija lill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Giovanni Adami: "Nistaqsi lill-Onor. Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi jekk hix l-intenzjoni tal-Gvern li jpoġġi lampi fil-lokalitajiet li ġejjin f'Għawdex, u b'hekk jilqa' t-talbiet urġenti magħmula minn dawk li joqogħdu fil-madwar tal-Belt Victoria:

1. Fin-niżla ta' Triq l-Imgħallem u possibbilment fin-nofs ta' din it-triq.
2. Fuq il-pont fil-wied ta' wara l-Kunvent tal-Kapuċċini, preċiż fil-kantuniera tal-għajn tal-qrib.
3. Fil-wesgħa tal-Belliegħa.
4. Fuq il-pont tal-Bajada fi Triq Kerċem.
5. F'nofs Triq San Duminku.
6. Fi Triq il-Lunzjata ħdejn il-Colombaja.
7. Fi Triq il-Mitħna ħdejn id-dar ta' Mons. Muscat.
8. Fl-istess triq fejn jiżbokka l-passaġġ li jwassal lejn il-qasam ta' Ġnien is-Sultan".

Il-Ministru wieġeb: "Il-Gvern mhux se jonqos li jpoġġi dawn il-lampi mitluba mill-Onor. interpellant kemm-il darba dawn kollha jintalbu".

Fis-7 ta' Jannar 1924 għamel tliet mistoqsijiet, tnejn lill-Ministru tas-Saħħa u l-oħra lill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Lill-Ministru tas-Saħħa, l-Onor. Prof. Carmelo Mifsud, fl-ewwel mistoqsija li għamillu staqsieh: "Nistaqsi lill-Onor. Ministru tas-Saħħa Pubblika jekk billi xi pazjenti rikoverati fil-Lazzarett ta' Għawdex mietu mingħajr assistenza spiritwali u mingħajr Sagramenti, hux lest il-Gvern jikkonċedi li ssir Kappella permanenti hemm għall-jiem kollha li l-isptar ikun miftuħ, fejn jinżamm is-Santissmu u titqaddes kuljum il-quddiesa".

Il-Ministru wieġeb: "Is-suġġeriment tal-Onor. Membru se jkun serjament ikkunsidrat mill-Gvern".

Imbagħad staqsa lill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Giovanni Adami: "Nistaqsi lill-Onor. Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, billi l-parti l-kbira tar-raħal ta' San Lawrenz, Għawdex, jinsab fid-dlam, hux se jordna li jitpoġġew almenu 7 lampi oħra, jiġifieri: 2 fi Triq San Lawrenz, 2 fi Triq Wileġ, 2 fi Triq Riken, u 1 fi Triq Wied Merill".

Il-Ministru rrisponda: "Il-Gvern mhux se jonqos li jpoġġi dawn il-lampi mitluba mill-Onor. Interpellant kemm-il darba dawn kollha jintalbu".

L-aħħar mistoqsija għamilha mill-ġdid lill-Ministru tas-Saħħa, meta staqsieh: "Nistaqsi lill-Onor. Ministru tas-Saħħa Pubblika jafx li f'Għawdex, meta impjegati tal-Gvern ikunu rikoverati fil-Lazzarett, il-pazjenti jkun mġiegħla jħallsu żewġ terzi, minflok terz, tas-salarju tagħhom? U f'każ li t-tweġiba tkun fl-affermattiv, minn min ġejja din l-ordni u għalfejn? U hi l-intenzjoni tal-Gvern li jirtiraha?".

Ir-risposta tal-Ministru kienet: "Il-każijiet ammessi fil-Lazzarett ta' Għawdex jinqasmu f'żewġ kategoriji:

(a) Każijiet ta' infezzjoni bħal difterite, skarlattina, ġidri, u l-bqija.
(b) Każijiet ta' tifojde, deni rqiq, u l-bqija, li minħabba nuqqas ta' spazju ma jistgħux ikunu ammessi fl-Isptar tal-Victoria.

Kontemporanjament ma jinżammux fil-Lazzarett każijiet miż-żewġ kategoriji.

Għal każijiet ta' infezzjoni tal-ewwel kategorija ma hemmx ħlas għall-kura u l-manteniment. Għal każijiet tat-tieni kategorija, jiġifieri tifojde, deni rqiq, u l-bqija, jekk il-pazjent, jew il-familja tiegħu, tista' tħallas, jintalab ħlas ta' bejn 2d. u 6d. kuljum, jew f'każijiet eċċezzjonali sa 1s. kuljum, indipendentement jekk il-pazjent ikunx jew le impjegat tal-Gvern. Il-membri tal-Forza Pubblika huma eżenti minn kull ħlas".




# XOGĦLIJIET ARTISTIĊI TAL-MADONNA TA' LOURDES F'SAN ĠORĠ

Ix-xahar ta' Frar hu marbut mat-Tifkira tal-ewwel Dehra tal-Verġni Marija lil Bernadette Soubirous fl-għar ta' Massabielle f'Lourdes, fi Franza, li seħħet fl-1858. Id-devozzjoni tad-Dehriet ta' Lourdes fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ qabdet mill-ewwel, għax inqas minn għoxrin sena wara diġà kien hemm statwa, li wara ftit snin saret oħra flokha, u għaxar snin wara din it-tieni statwa nħadem ukoll kwadru.





L-istatwa l-qadima, li llum tinsab ix-Xewkija. Ritratt: Mark Attard

**L-istatwa** tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes inħadmet fil-kartapesta fl-1879 mill-fabbrika *Galard et Fils* ta' Marsilja. Dakinhar tbierket mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Pietru Pace fil-Knisja filjali ta' San Ġakbu u ttieħdet minn hemm għall-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Saret fi żmien il-Kan. Karm Sultana, Prokuratur tal-festa tagħha. Qabilha kien hemm oħra li tbierket fil-11 ta' Frar 1875 mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Anton Grech Delicata, wara li ġiet mogħtija min-negozjant Bernardo Abela. Kienet tinżamm fil-Knisja ta' San Ġużepp "tas-Suq", imma mbagħad fl-1879 ingħatat lill-Knisja arċipretali tax-Xewkija fejn, meta kien għad hemm il-knisja l-qadima, kellha niċċa tagħha fil-Kappella tad-Duluri, u llum tinsab f'niċċa fil-Mużew tal-Iskultura ta' dik il-parroċċa. L-istatwa attwali tinħareġ għall-qima fil-Bażilika fil-jiem tal-Festa parrokkjali tagħha kull Frar, meta ssirilha wkoll purċissjoni devota *aux flambeaux* mat-toroq tal-Belt Victoria.

**Il-kwadru** tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes, li kemm-il darba jkun espost fuq l-Altar ta' San Lazzru, hu xogħol fin ħafna ta' Carlo Ignazio Cortis (1826-1900), mill-Belt Valletta, kif jidher mill-firma u d-data isfel fuq ix-xellug. Il-kwadru kien sar fl-1890 b'ordni tal-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġwann Marija Camilleri OSA. Kien l-istess Kan. Karm Sultana li ħadem biex isir dawn il-kwadru kbir u sabiħ, li llum il-ġurnata jinħareġ fuq l-istess Altar ta' San Lazzru għall-Festa parrokkjali tal-Verġni ta' Lourdes fi Frar.



# KRONAKA PARROKKJALI




## MEMBRI ĠODDA
fil-komunità parrokkjali

**05/02/2022** **Lucy Rose** bint Shawn Agius u Lia Farrugia
**06/03/2022** **Cataleya** bint Carlin Polidano u Christabelle Vella
**17/04/2022** **Amelia Belle** bint George Mario Mizzi u Amanda Marie Grima
**17/04/2022** **Valerie** bint Stefan Azzopardi u Christine Tabone
**22/04/2022** **Mason** bin Kurt Grima u Allison Marie Attard
**23/04/2022** **Samantha** bint Carl Carona u Mary Rose Xuereb
**24/04/2022** **Aurora** bint Michael Cauchi u Maria Chiara Camilleri
**24/04/2022** **Ġorġ** bin Emanuel John Farrugia u Vicky Cini
**30/04/2022** **Mackenzie Ann** bint Ray George Cassar u Celine Marie Briffa Vella
**30/04/2022** **Jacob Kai** bin Frank Anthony Tabone u Sarah Dimech Tabone

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

**25/12/2021** **Maria Conetta Gouder**
**01/01/2022** **Vicent Formosa**
**03/01/2022** **Joseph Mizzi**
**04/01/2022** **Joachin Mathe**
**10/01/2022** **Maria Refalo**
**12/01/2022** **Maria Rosa Sammut**
**08/02/2022** **Raymond Gafa**
**17/02/2022** **Joseph Grech**
**23/02/2022** **Christopher Bicker**
**25/02/2022** **Giorgio Said**
**02/03/2022** **Angela Cauchi**
**08/03/2022** **George Cassar**
**20/03/2022** **Mary Dolores Grima**
**25/03/2022** **Doris Cassar**
**27/03/2022** **Maria Pia Pace**
**02/04/2022** **Vincenza Buttigieg**
**12/04/2022** **George Farrugia**
**20/04/2022** **Paul Curmi**

## NIFIRĦU LIL...

- Il-Kan. Ġużeppi A. Borg u l-Kan. Ġorġ Brincat li fis-6 ta' April iċċelebraw il-65 anniversarju presbiterali tagħhom.
- Il-Kan. Ġwann Gauci li fis-7 ta' April iċċelebra s-60 anniversarju presbiterali tiegħu.

## INSELLMU LIL...

George Said, li għal bosta snin kien kollabaratur attiv fil-Bażilika Ġorġjana u l-kumitati tagħha, li miet fil-25 ta' Frar, fl-għomor ta' 91 sena.

## LIL DUN KARM PSAILA (1871-1961)
## F'GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA MINN MEWTU



Is-sliem għalik, poeta kbir; saħħartni,
ġennintni għall-Ilsien li lkoll jgħaqqadna;
ħadtu f'idejk bħal tafal nej, u minnu
slitt għana li minn ġufu xrobna u ħadna.

Int ma tnikkirtx hekk kif ilmaħt il-qawwa
u l-ħlewwa tal-ilsien li smajt b'ewlieni,
bi kliemu nsiġt il-għana li minn qalbek
ħareġ ifur minn dejr il-ħsieb ġewwieni.

Għax inti ma stmellejtx il-ġieħ ta' ġensek
u ċ-ċokon ta' din l-art li n-nifs radditlek,
'mma f'ħsus safjin fi kliem midmum sibt wensek.

Illum li fost is-snin ħamsin inbarmu
minn dak il-jum li l-mewt nifsek ħaditlek –
ilsienna ngħożżu sħiħ bla nbarru u narmu!

Dun Geoffrey George Attard
15 ta' Ottubru 2011

**Nota**
Kien il-Poeta Nazzjonali tagħna li fl-1945 niseġ l-Innu *Fjur ta' martri* li għadu jitkanta u jindaqq sal-lum bi kburija u mħabba fil-komunità Ġorġjana ta' Ħal Qormi.



KRONAKA

Andrew Formosa

# MID-DJARJU PARROKKJALI

JANNAR-APRIL 2022

**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** L-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma mexxa l-Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Marija Omm Alla.
**» 3 ta' Jannar**
Il-Grupp 23four qassam id-donazzjonijiet li nġabru min taħt is-Siġra tal-Karità fl-Avvent lill-Knisja tas-Samra fil-Ħamrun, is-Soup Kitchen tal-Patrijiet Franġiskani tal-Belt, Dar Hosea, id-Dar tal-Providenza, Dar Arka u d-Djakonija tad-Djoċesi ta' Għawdex.
**» 5 ta' Jannar**
Saret ħarġa fil-kampanja Għawdxija għall-abbatini organizzata mis-seminarista tal-Parroċċa Wallace Camilleri u d-Djaknu Gabriel Vella.
**» 2 ta' Frar**
**7.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali dawk li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, flimkien mal-ġenituri tagħhom.
**» 5 ta' Frar**
**Filgħodu:** Is-saċerdoti tal-Parroċċa kellhom mumenti ta' fraternità flimkien fid-Dar ta' Lourdes, Għajnsielem.
**» 7 ta' Frar**
Saret ħarġa bir-roti madwar Għawdex għall-abbatini organizzata mid-Djaknu Gabriel Vella.
**» 11 ta' Frar**
**04.00pm:** Fl-okkażjoni tat-Tifkira tal-Madonna ta' Lourdes u Jum il-Morda, sar mument ta' adorazzjoni u t-talba tar-Rużarju fil-Bażilika, b'talb speċjali għall-morda.
**» 12 ta' Frar**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa li fiha saret iċ-ċelebrazzjoni tal-Opra tal-Ħniena "Kont marid u ġejt iżżurni" bħala parti mill-Proġett parrokkjali *Fejn hu Ħuk?* Kienu mistiedna jagħtu x-xhieda tagħhom Bjorn u Maria Formosa.
**» 13 ta' Frar**
Il-Parroċċa organizzat kampanja ta' għoti tad-demm fil-Berġa fix-Xewkija bħala parti mill-Proġett *Fejn hu Ħuk?*
**» 20 ta' Frar**
Fi tmiem il-quddies, in-nies li attendew setgħu jiktbu fuq ktieb apposta messaġġ ta' solidarjetà lil Mons. Pawlu Cardona, eks Arċipriet tal-Parroċċa, li f'dawn ix-xhur qed ikun spiss Londra għal kura mill-marda tal-kanċer.
**» 24 ta' Frar**
**07.30pm:** Saret l-Assemblea Parrokkjali fl-għeluq tal-fażi tal-Eżami tal-Kuxjenza bħala parti mill-Pjan Pastorali Djoċesan, li tmexxiet minn Mons. Isqof, fejn 18-il rappreżentant minn diversi gruppi u għaqdiet tal-Parroċċa qasmu r-riflessjonijiet li nġabru fil-ġimgħat ta' qabel. Fl-aħħar għamel kelmtejn tal-aħħar l-Isqof.
**» 25-27 ta' Frar**
Dawk li fl-aħħar tliet snin attendew għall-kors tat-10K fid-Dar Parrokkjali, attendew għal irtir tal-għeluq ta' dan il-kors, li nżamm f'Dar Lourdes, Għajnsielem, flimkien mal-grupp taż-żgħażagħ li wkoll għamlu dan il-kors fuq bażi djoċesana.
**» 6 ta' Marzu**
**4.00pm:** Iż-żgħażagħ tal-Grupp 23four ħadu sehem fil-Via Sagra organizzata mill-KDŻG fuq l-Għolja ta' Għammar.
**» 7-11 ta' Marzu**
**04.15pm:** Il-Kan. Franklin Vella mexxa l-kors tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-Bażilika.
**» 14-18 ta' Marzu**
**07.30pm:** Dun Daniel Sultana, Segretarju Pastorali Djoċesan, mexxa l-kors tal-Eżerċizzi Spiritwali għall-Miżżewġin fil-Bażilika. Fl-istess ħin, id-Djaknu Gabiel Vella mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali għat-Tfal fis-Sala Parrokkjali, li fihom ta tifsira tal-Liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa bl-għajnuna tal-karattru ċ-Ċenturjun Lonġinu.
**» 18-19 ta' Marzu**
Inżamm irtir għall-abbatini tal-Parroċċa fid-Dar Marija Assunta, l-Għarb, li tmexxa mid-Djaknu Gabriel Vella.
**» 19 ta' Marzu**
Saret ħarġa għal Malta għall-anzjani tal-Parroċċa.
**» 22 ta' Marzu**
Sar irtir għat-teens tal-Grupp 23four fid-Dar tal-Irtiri Stella Maris fiż-Żebbuġ.



**» 24 ta' Marzu**
**6.20pm:** Il-Parroċċa ngħaqdet mad-dinja Kattolika fit-talba tar-Rużarju għall-paċi fl-Ukrajna.

**» 27 ta' Marzu**
Il-membri tal-Grupp 23four ħejjew pots tal-ġirasoli biex jinbiegħu wara l-quddies tal-Ħadd fil-Bażilika u jinġabru fondi għal ħutna fl-Ukrajna.

**» 2 ta' April**
**Filgħaxija:** Il-Papa Franġisku żar Għawdex fejn mexxa Laqgħa ta' Talb fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu. Diversi parruċċani attendew jew anki kienu involuti fl-organizzazzjoni. Membri tal-Grupp 23four għenu bħala ushers f'Ta' Pinu u oħrajn taw merħba lill-Papa huwa u għaddej bil-Popemobile minn Triq ir-Repubblika b'kartellun bil-kliem fuqu "Grupo Juvenil San Jorge: Bienvenido".

**» 7 ta' April**
Saret ħarġa għas-Santwarju Ta' Pinu għall-kandidati kollha tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.

**» 8 ta' April**
Inħatt l-aħħar armar li kien fadal mal-faċċata tal-Bażilika biex seta' jsir ir-restawr tagħha u tal-koppla.
**08.00pm:** Mons. Isqof mexxa laqgħa ta' riflessjoni fil-Bażilika għal dawk kollha li kienu ser jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**» 9 ta' April**
**10.00am:** Sar irtir f'Għajnsielem għall-animaturi tal-Grupp 23four li tmexxa minn Dun Krystof Buttigieg.
**08.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert ta' Mużika Sagra *L-Aħħar Tislima* mill-Banda Ċittadina La Stella, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dr John Galea.



**» 10 ta' April**
**10.30am:** Fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu sar it-Tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ mill-Arċipriet, mnejn imbagħad telqet purċissjoni qasira għall-Bażilika. Hawn fil-11.00am hu mexxa l-Konċelebrazzjoni solenni ta' Ħadd il-Palm.

**» 11 ta' April**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Wara, sar Pellegrinaġġ parrokkjali bl-istatwa ta' Ġesù Redentur sal-Bażilika, fejn ingħatat il-Barka Ewkaristika mill-Arċipriet.

**» 12 ta' April**
**07.00pm:** Id-Djaknu Gabriel Vella mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrara għat-tfal li waslu biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina, bis-sehem ta' diversi saċerdoti konfessuri.

**» 13 ta' April**
**07.00pm:** Saret iċ-ċelebrazzjoni ta' *Fejn hu Ħuk? L-Għatxan* bis-sehem ta' persuni li taw l-esperjenza tagħhom tal-gwerra fl-Ukrajna u l-effetti tagħha.

**» 14 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Fi tmiem il-quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni fuq l-Altar tal-Kor, fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa f'nofsinhar.
**08.30pm:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss mexxiet iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fil-Belt Victoria.

**» 15 ta' April**
**08.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu quddiem l-Altar tar-Ripożizzjoni.
**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni tal-Mulej u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes. Il-Liturġija ġiet imxandra fuq NET TV. Minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp ikrah li ħakem il-gżejjer Maltin, il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma saritx.

**» 16 ta' April**
**08.00am**: Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu.
**08.30pm:** Il-Kan. Richard N. Farrugia mexxa l-Liturġija tal-Lejl Qaddis tal-Għid, li bdiet minn ħdejn il-bieb il-kbir tal-Bażilika bil-Mixegħla tal-Blandun.

**» 17 ta' April**
**08.45am:** Inżammet mat-toroq tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella, id-Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt. Din kienet l-ewwel purċissjoni li ħarġet mill-Bażilika minn mindu tlesta r-restawr tal-faċċata u wara li ġew rilaxxati bosta mill-miżuri tal-Covid-19.
**11.00am:** Il-Kardinal Mario Grech mexxa l-Pontifikal tal-Għid il-Kbir, li fih amministra wkoll is-sagrament tal-Magħmudija.

**» 18 ta' April**
Beda t-Tberik tal-Familji tal-Parroċċa mill-Arċipriet u mid-Djaknu Gabriel Vella, li ntemm fl-14 ta' Mejju.

**» 20 ta' April**
Saret ħarġa Malta għall-anzjani tal-Parroċċa.

**» 21-23 ta' April**
**07.00pm:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa l-Quddies solenni tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa liturġika ta' San Ġorġ. Wara, sar il-kant tal-Innu, u t-talb tal-Kurunella u l-Barka Ewkaristika.

**» 24 ta' April**
**08.00pm:** Saret il-Velja ta' San Ġorġ fi Pjazza San Ġorġ bit-tema "Martri mogħni b'kull ħlewwa". Għall-okkażjoni nħarġet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-bieb tal-Bażilika. Wara assenza ta' xi snin li kienet ilha ma tinżamm fil-Pjazza, il-Velja rat attendenza sabiħa ħafna mill-komunità parrokkjali li pparteċipat b'mod ħaj.

**» 25 ta' April**
**06.25pm:** L-Arċipriet mexxa l-kant solenni tat-Tieni Għasar fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu.
**07.00pm:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali u niseġ l-omelija fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ Martri, ittrasferita għal dan il-jum minħabba l-Ottava tal-Għid. Fl-aħħar, l-istatwa titulari ta' San Ġorġ iddaħħlet lura fin-niċċa fost iċ-ċapċiċ u l-entużjażmu tan-nies u d-daqq tal-Antifona *Beatus Georgius*.










1. Il-Kappellun ta’ Ġesù u Marija wara l-interventi ta’ restawr u konservazzjoni li saru fl-aħħar xhur fuq il-kwadri kif ukoll id-dekorazzjoni tagħha.

2. Il-Papa Franġisku għaddej minn quddiem it-Teatru Astra fi Triq ir-Repubblika għad-daqq tal-Innu Popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ* mill-Banda La Stella.

3. Il-Pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur mill-Knisja ta’ San Franġisk għall-Bażilika ta’ San Ġorġ it-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa.

4. L-istatwa titulari ta’ San Ġorġ fil-Velja Solenni tal-Martirju, lura fi Pjazza San Ġorġ wara assenza ta’ snin, għad-dell tal-faċċata rrestawrata fl-aħħar sentejn.